ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 329

Edizzjoni bil-Malti **Leġiżlazzjoni**

**Volum 52**

**15 ta' Diċembru 2009**

Werrej

I *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1200/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1166/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar stħarriġ ta' strutturi tal-farms u l-istħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola, fir-rigward tal-koeffiċjenti ta' unitajiet tal-bhejjem u d-definizzjonijiet tal-karatteristiċi** [1] ........ 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1201/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 763/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-suġġetti u tal-kategorizzazzjonijiet tagħhom** [1] ........ 29

[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE

**Prezz: 4 EUR**

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

I

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1200/2009

**tat-30 ta' Novembru 2009**

**li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1166/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar stħarriġ ta' strutturi tal-farms u l-istħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola, fir-rigward tal-koeffiċjenti ta' unitajiet tal-bhejjem u d-definizzjonijiet tal-karatteristiċi**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1166/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar stħarriġ ta' strutturi tal-farms u l-istħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 571/88 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 2, il-punt (b) u l-Artikoli 7(4) u 11(7) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1166/2008 jistabbilixxi qafas ġdid għall-produzzjoni ta' statistika Komunitarja li tista' titqabbel dwar l-istruttura ta' azjendi agrikoli u għal stħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola.

(2) Il-koeffiċjenti ta' unitajiet tal-bhejjem jintużaw minflok in-numru attwali ta' annimali sabiex isiru aggregazzjonijiet li jistgħu jitqabblu ta' kategoriji ta' annimali differenti.

(3) Il-koeffiċjenti ta' unitajiet tal-bhejjem għandhom ikunu bbażati fuq sett komuni ta' valuri sabiex tiġi żgurata l-paragunabilità mal-Komunità kollha fir-rigward tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' kopertura u preċiżjoni.

(4) Bi qbil mal-Artikolu 2, il-punt (b) tar-Regolament (KE) Nru 1166/2008, jeħtieġ li jiġu adottati l-koeffiċjenti ta' unitajiet tal-bhejjem li għandhom jintużaw għall-istħarriġ ta' struttura tal-farms u għall-istħarriġ ta ' metodi ta' produzzjoni agrikola.

(5) Għall-iskopijiet ta' paragunabilità, it-termini li hemm fil-lista ta' karatteristiċi għandhom jinftehmu u jiġu applikati b'mod uniformi mal-Komunità kollha.

(6) Bi qbil mal-Artikolu 7(4) tar-Regolament (KE) Nru 1166/2008, jeħtieġ li jiġu adottati d-definizzjonijiet tal-karatteristiċi li għandhom jintużaw għall-istruttura tal-farm.

(7) Bi qbil mal-Artikolu 11(7) tar-Regolament (KE) Nru 1166/2008, jeħtieġ li jiġu adottati d-definizzjonijiet tal-karatteristiċi li għandhom jintużaw għall-istħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola.

(8) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/115/KE tal-24 ta' Novembru 1999 rigward id-definizzjonijiet tal-karatteristiċi, il-lista ta' prodotti agrikoli, l-eċċezzjonijiet għad-definizzjonijiet u r-reġjuni u d-distretti rigward l-istħarriġ tal-istruttura tal-azjendi agrikoli [2] timplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 571/88 [3]. Huwa xieraq li dik id-Deċiżjoni tinbidel b'dan ir-Regolament.

(9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Istatistika Agrikola stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 72/279/KEE [4],

[1] ĠU L 321, 1.12.2008, p. 14.

[2] ĠU L 38, 12.2.2000, p. 1.

[3] ĠU L 56, 2.3.1988, p. 1.

[4] ĠU L 179, 7.8.1972, p. 1.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-koeffiċjenti ta' unitajiet tal-bhejjem li għandhom jintużaw fir-rigward tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' kopertura u preċiżjoni għall-istħarriġ ta' struttura tal-farms u għall-istħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola tal-Komunità għandhom jiġu stabbiliti fl-Anness I.

*Artikolu 2*

Id-definizzjonijiet tal-karatteristiċi li għandhom jintużaw għall-istħarriġ ta' struttura tal-farms tal-Komunità għandhom ikunu kif stabbilit fl-Anness II.

*Artikolu 3*

Id-definizzjonijiet tal-karatteristiċi li għandhom jintużaw għall-istħarriġ Komunitarju dwar metodi ta' produzzjoni agrikola għandhom ikunu kif stabbilit fl-Anness III.

*Artikolu 4*

Id-Deċiżjoni 2000/115/KE hija revokata.

*Artikolu 5*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Joaquín ALMUNIA
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

**KOEFFIĊJENTI TA' UNITAJIET TAL-BHEJJEM**

| | | |
|---|---|---|
| Annimali bovini | Taħt sena | 0,400 |
| | 1 iżda inqas minn sentejn | 0,700 |
| | Maskili, sentejn u aktar | 1,000 |
| | Għoġġiela, sentejn u aktar | 0,800 |
| | Baqar tal-ħalib | 1,000 |
| | Baqar oħrajn, sentejn u aktar | 0,800 |
| Nagħaġ u mogħoż | | 0,100 |
| Ekwidi | | 0,800 |
| Majjali | Ħnienes b'piż ħaj taħt 20 kg | 0,027 |
| | Majjali tat-tgħammir li jiżnu 50 kg u aktar | 0,500 |
| | Majjali oħrajn | 0,300 |
| Tjur | Brojlers | 0,007 |
| | Tiġieġ li jbidu | 0,014 |
| | Ngħam | 0,350 |
| | Tjur ieħor | 0,030 |
| Fniek, nisa għat-tgħammir | | 0,020 |

*ANNESS II*

**Definizzjonijiet tal-karatteristiċi li għandhom jintużaw għall-istħarriġ tal-Komunità ta' struttura tal-farms** ([1])

I. KARATTERISTIĊI ĠENERALI

1.01 **Lok tal-azjenda**

Il-lok tal-azjenda agrikola huwa ddefinit fl-Artikolu 2(e) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1166/2008.

1.01.01 Latitudni (fi ħdan raġġ ta' 5 minuti jew inqas)

1.01.02 Lonġitudni (fi ħdan raġġ ta' 5 minuti jew inqas)

1.02 **Personalità legali tal-azjenda**

Il-personalità legali tal-azjenda tiddependi fuq l-istatus tad-detentur.

1.02.01 **Ir-responsabbiltà legali u ekonomika tal-azjenda hija merfugħa minn:**

1.02.01.01 **persuna naturali li huwa detentur uniku, fejn l-azjenda hija indipendenti?**

Persuna naturali individwali u waħedha li hija d-detentur ta' azjenda li mhijiex marbuta ma' kwalunkwe azjenda ta' detenturi oħrajn, permezz ta' ġestjoni komuni jew arranġamenti simili.

1.02.01.01.01 Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija preċedenti hija "iva", din il-persuna (id-detentur) hija wkoll il-maniġer?

1.02.01.01.01.a Jekk din il-persuna mhijiex il-maniġer, il-maniġer huwa membru tal-familja tad-detentur?

1.02.01.01.01.b Jekk il-maniġer huwa membru tal-familja tad-detentur, il-maniġer huwa l-konjuġi tad-detentur? ([2])

1.02.01.02 **persuna naturali waħda jew aktar li hija msieħba, fejn l-azjenda hija azjenda ta' grupp?**

Imsieħba ta' azjenda ta' grupp huma persuni naturali li huma sidien, jikru jew inkella jmexxu flimkien azjenda agrikola waħda jew imexxu flimkien l-azjendi individwali tagħhom bħallikieku kienu azjenda waħda. Koooperazzjoni bħal din trid tkun konformi mal-liġi jew bi ftehim bil-miktub.

1.02.01.03 **persuna legali?**

Entità legali għajr persuna naturali iżda li għandha d-drittijiet u d-doveri normali ta' individwu, bħall-kapaċità li tħarrek jew li tiġi mħarrka (kapaċità legali ġenerali tagħha stess).

1.03 **It-tip ta' dritt fuq il-proprjetà (fir-rigward tad-detentur) u s-sistema tal-biedja**

1.03.01 **Żona agrikola użata:**

Iż-żona agrikola użata hija ż-żona totali meħuda minn art li tinħarat, art għall-mergħa permanenti, kultivazzjonijiet permanenti u ġonna bi ħxejjex tal-kċina użati mill-azjenda, mingħajr ma jingħata kas tat-tip ta' dritt fuq il-proprjetà jew jekk hijiex użata bħala parti minn art komuni.

Art komuni hija ż-żona agrikola użata mill-azjenda agrikola iżda li mhijiex direttament proprjetà tagħha, jiġifieri li fuqha japplikaw drittijiet komuni. L-għażla tal-metodu ta' implimentazzjoni biex tkun koperta din l-art komuni hija kwistjoni għall-Istati Membri.

1.03.01.01 **Għall-biedja mis-sid**

Żona agrikola użata maħduma mill-azjenda u li hija l-proprjetà tad-detentur jew maħduma minnu bħala detentur ta' kera fuq żmien twil użufruttwarja jew li tista' tintiret jew taħt tip ieħor ekwivalenti ta' dritt fuq il-proprjetà.

([1]) Id-definizzjonijiet bażiċi tal-azjenda agrikola u l-unità tal-bhejjem huma stipulati fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1166/2008.
([2]) Ma għandux ikun ipprovdut fl-2010.

1.03.01.02 **Għall-biedja mill-kerrej**

Żona agrikola użata mikrija mill-azjenda għal kera fissa miftiehma bil-quddiem (fi flus kontanti, f'oġġetti jew mod ieħor), u għal liema hemm ftehim ta' kera (miktub jew verbali). Żona agrikola użata hija allokata lil azjenda waħda biss. Jekk żona agrikola użata tinkera lil aktar minn azjenda waħda matul is-sena ta' referenza, din hija normalment allokata lill-azjenda ma' liema hija assoċjata fil-jum ta' referenza tal-istħarriġ jew li użatha għall-itwal perjodu matul is-sena ta' referenza.

1.03.01.03 **Għall-biedja bis-sehem jew modi oħrajn**

(a) Żona agrikola maħduma bis-sehem hija ż-żona agrikola użata (li tista' tikkostitwixxi azjenda sħiħa) maħduma bi sħubija minn sid il-kera u l-ħaddiem bi tqassim taħt kuntratt miktub jew verbali ta' biedja bis-sehem. Il-produzzjoni (sew ekonomika kemm fiżika) taż-żona maħduma bi tqassim tinqasam bejn iż-żewġ partijiet fuq bażi miftiehma.

(b) Żona agrikola użata taħt modi oħrajn ta' dritt fuq il-proprjetà hija ż-żona agrikola użata li mhijiex koperta xi mkien ieħor taħt partiti preċedenti.

1.03.02 **Biedja organika**

Prassi agrikoli skont ċerti standards u regoli stabbiliti speċifikati fi (i) ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 ([1]) jew, fejn applikabbli, fil-leġiżlazzjoni l-aktar reċenti, u (ii) ir-regoli nazzjonali korrispondenti għall-produzzjoni agrikola.

1.03.02.01 **Iż-żona agrikola użata tal-azjenda li fuqha jiġu applikati u ċċertifikati metodi ta' produzzjoni ta' biedja organika skont ir-regoli nazzjonali jew tal-Komunità Ewropea**

Dik il-parti taż-żona agrikola użata tal-azjenda li fuqha l-produzzjoni hija konformi bi sħiħ mal-prinċipji tal-produzzjoni agrikola fil-livell ta' farm, kif stipulat fi (i) ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 jew, fejn applikabbli, fil-leġiżlazzjoni l-aktar reċenti u (ii) ir-regoli nazzjonali korrispondenti għaċ-ċertifikazzjoni ta' produzzjoni organika.

1.03.02.02 **Iż-żona agrikola użata tal-azjenda li għaddejja minn bidla għal metodi ta' produzzjoni ta' biedja organika li tkun iċċertifikata skont ir-regoli nazzjonali jew tal-Komunità Ewropea**

Dik il-parti taż-żona agrikola użata tal-azjenda li fuqha huma applikati metodi ta' biedja organika, iżda fejn il-perjodu ta' tranżizzjoni meħtieġ biex tkun ikkunsidrata bħala konformi bis-sħiħ mal-prinċipji ta' produzzjoni organika fil-livell ta' farm kif stipulat fi (i) ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 jew, fejn applikabbli, fil-leġiżlazzjoni l-aktar reċenti u (ii) ir-regoli nazzjonali korrispondenti għaċ-ċertifikazzjoni ta' produzzjoni organika għadu mhux komplut.

1.03.02.03 **Żona tal-azjenda li fuqha huma jew applikati u ċċertifikati jew jinsabu f'fażi ta' bidla biex ikunu ċċertifikati metodi ta' produzzjoni ta' biedja organika skont ir-regoli nazzjonali jew tal-Komunità Ewropea**

Iż-żona agrikola użata tal-azjenda li fuqha huma jew applikati u ċċertifikati jew f'fażi ta' bidla biex ikunu ċċertifikati metodi ta' produzzjoni ta' biedja organika skont ċerti standards u regoli stabbiliti speċifikati fi (i) ir-Regolament (KE) Nru 834/2007 jew, fejn applikabbli, fil-leġiżlazzjoni l-aktar reċenti, u (ii) ir-regoli nazzjonali korrispondenti għall-produzzjoni organika mqassma skont il-kategoriji tal-kultivazzjonijiet.

*Il-kultivazzjonijiet huma ddefiniti fit-Taqsima II. Art..*

1.03.02.03.01 Ċereali għall-produzzjoni tal-qmugħ (biż-żerriegħa)

1.03.02.03.02 Legumi mnixxfin u kultivazzjonijiet ta' proteina għall-produzzjoni tal-qmugħ (biż-żerriegħa u taħlitiet ta' ċereali u legumi)

1.03.02.03.03 Patata (inkluża patata bikrija u patata taż-żerriegħa)

1.03.02.03.04 Pitrava zokkrija (minbarra ż-żerriegħa)

1.03.02.03.05 Kultivazzjonijiet taż-żrieragħ taż-żejt

1.03.02.03.06 Ħaxix frisk, bettieħ u frawli

([1]) ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1.

| | |
|---|---|
| 1.03.02.03.07 | Mergħat u għelieqi tal-ħaxix, minbarra rigħi aħrax |
| 1.03.02.03.08 | Pjantaġġuni ta' frott u frott żgħir tal-bosk |
| 1.03.02.03.09 | Pjantaġġuni taċ-ċitru |
| 1.03.02.03.10 | Pjantaġġuni taż-żebbuġ |
| 1.03.02.03.11 | Vinji |
| 1.03.02.03.99 | Kultivazzjonijiet oħrajn (kultivazzjonijiet tal-ħjut, eċċ.) |

1.03.02.04 **Metodi ta' produzzjoni organika applikati għall-ħarsien tal-annimali u ċċertifikati skont ir-regoli nazzjonali jew tal-Komunità Ewropea**

In-numri ta' annimali li jitrabbew fl-azjenda fejn il-produzzjoni sħiħa tal-annimali jew parti minnha hija konformi bis-sħiħ mal-prinċipji tal-produzzjoni organika fil-livell ta' farm kif stipulat fi (i) ir-Regolament (KE) Nru 834/2007 jew, fejn applikabbli, fil-leġiżlazzjoni l-aktar reċenti u (ii) ir-regoli nazzjonali korrispondenti għaċ-ċertifikazzjoni tal-produzzjoni organika mqassma skont il-kategoriji tal-annimali.

*Il-bhejjem huma ddefiniti fit-Taqsima III. Bhejjem..*

| | |
|---|---|
| 1.03.02.04.01 | Annimali tal-ifrat |
| 1.03.02.04.02 | Majjali |
| 1.03.02.04.03 | Nagħaġ u mogħoż |
| 1.03.02.04.04 | Tjur |
| 1.03.02.04.99 | Annimali oħrajn |

1.03.03 **Destinazzjoni tal-produzzjoni tal-azjenda**

1.03.03.01 **L-unità domestika tikkonsma aktar minn 50 % tal-valur tal-produzzjoni finali tal-azjenda**

L-unità domestika hija l-unità tal-familja għal liema jappartjeni d-detentur u li fiha l-membri tal-unità domestika jaqsmu l-istess alloġġ, jgħaqqdu d-dħul u l-ġid kollu tagħhom, jew parti minnu, u jikkunsmaw ċerti tipi ta' oġġetti u servizzi kollettivament, prinċipalment id-dar u l-ikel.

Il-produzzjoni finali kif imsemmija taħt din il-karatteristika tikkorrispondi għad-definizzjoni ta' produzzjoni li tista' tintuża fil-kontijiet ekonomiċi agrikoli kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1].

1.03.03.02 **Il-bejgħ dirett lill-konsumaturi aħħarija jirrappreżenta aktar minn 50 % tal-bejgħ totali tal-azjenda** [2]

Il-bejgħ dirett lill-konsumatur aħħari jfisser il-bejgħ mill-azjenda ta' prodotti agrikoli prodotti minnha stess, ipproċessati jew le, direttament lill-konsumaturi għall-konsum tagħhom stess.

## II. ART

Iż-żona totali tal-azjenda tikkonsisti fiż-żona agrikola użata (art li tinħarat, art għall-mergħa permanenti, kultivazzjonijiet permanenti u ġonna bi ħxejjex tal-kċina) u art oħra (art agrikola mhux użata, żona msaġġra u art oħra).

2.01 **Art li tinħarat**

Art maħduma (maħruta jew magħżuqa) regolarment, ġeneralment taħt sistema ta' newba(rotazzjoni) tal-kultivazzjoni.

In-newba tal-kultivazzjonijiet hija l-prassi tat-tinwib tal-kultivazzjonijiet annwali mkabbra f'għalqa speċifika f'mudell jew sekwenza ppjanata fi snin suċċessivi tal-kultivazzjonijiet sabiex il-kultivazzjonijiet tal-istess speċi ma jitkabbrux mingħajr waqfien fl-istess għalqa. Normalment il-kultivazzjonijiet jinbidlu darba fis-sena, iżda jistgħu jkunu wkoll multiannwali. Sabiex issir distinzjoni bejn art li tinħarat u kultivazzjonijiet permanenti jew art għall-mergħa permanenti, jintuża limitu ta' ħames snin. Dan ifisser li jekk biċċa art tintuża għall-istess kultivazzjoni għal ħames snin jew aktar, mingħajr fl-istess waqt ma titneħħa l-kultivazzjoni preċedenti u tiġi stabbilita waħda ġdida, din ma tkunx ikkunsidrata art li tinħarat.

(1) ĠU L 33, 5.2.2004, p. 1.

(2) Ma għandux ikun ipprovdut fl-2010.

2.01.01 **Ċereali għall-produzzjoni tal-qmugħ (biż-żerriegħa)**

L-oqsma kollha ta' ċereali maħsuda mnixxfin għall-qmugħ, mingħajr ma jingħata kas tal-użu, għandhom jiġu rreġistrati hawn (inklużi ċ-ċereali użati għall-produzzjoni tal-enerġija li tiġġedded.

2.01.01.01 **Qamħ komuni u dqiq tal-Ġermanja**

*Triticum aestivum* L. emend. Fiori et Paol., *Triticum spelta* L. u *Triticum monococcum L.*

2.01.01.02 **Qamħ tal-Awstralja (qamħ Durum)**

*Triticum durum* Desf.

2.01.01.03 **Segala**

*Secale cereale* L., inklużi taħlitiet ta' segala u ċereali oħrajn miżrugħin fil-ħarifa (maslin).

2.01.01.04 **Xgħir**

*Hordeum vulgare* L.

2.01.01.05 **Żerriegħa tal-ħafur**

*Avena sativa* L., inklużi taħlitiet ta' żerriegħa tal-ħafur u ċereali oħrajn miżrugħa fir-rebbiegħa.

2.01.01.06 **Qamħirrun tal-qamħ**

Qamħirrun (*Zea mays* L.) maħsud għall-qamħ.

2.01.01.07 **Ross**

*Oryza sativa L.*

2.01.01.99 **Ċereali oħrajn għall-produzzjoni tal-qamħ**

Ċereali miżrugħin f'kultivazzjonijiet puri, maħsudin niexfin għall-qamħ, u li mhumiex irreġistrati xi mkien ieħor taħt partiti preċedenti.

2.01.02 **Legumi mnixxfin u kultivazzjonijiet ta' proteina għall-produzzjoni tal-qamħ (biż-żerriegħa u taħlitiet ta' ċereali u legumi)**

Kultivazzjonijiet miżrugħin u maħsudin prinċipalment għall-kontenut ta' proteina tagħhom.

L-oqsma kollha ta' legumi mnixxfin u kultivazzjonijiet ta' proteina maħsudin nexfin għall-qamħ, mingħajr ma jingħata kas tal-użu, għandhom jiġu rreġistrati hawn (inklużi kultivazzjonijiet użati għall-produzzjoni ta' enerġija li tiġġedded.

2.01.02.01 **li fosthom piżelli, fażola tar-raba' u lupini ħelwin**

*Pisum sativum* L., *Vicia faba* L., *Lupinus* spp., miżrugħin f'kultivazzjonijiet puri maħsudin nexfin għall-qamħ.

2.01.03 **Patata (inkluża patata bikrija u patata taż-żerriegħa)**

*Solanum tuberosum L.*

2.01.04 **Pitravi zokkrija (minbarra ż-żerriegħa)**

*Beta vulgaris* L. intiża għall-industrija taz-zokkor u l-produzzjoni tal-alkoħol (inkluża l-produzzjoni tal-enerġija).

2.01.05 **Għeruq tal-għalf u brassika (minbarra ż-żerriegħa)**

Pitravi għall-għalf (*Beta vulgaris* L.) u pjanti tal-familja *Brassica* maħsuda prinċipalment għall-għalf tal-annimali, mingħajr ma jingħata kas ta' jekk huwiex l-għerq jew iz-zokk, u pjanti oħrajn ikkultivati prinċipalment għall-għeruq tagħhom għall-għalf, li mhumiex imsemmija xi mkien ieħor.

2.01.06 **Kultivazzjonijiet industrijali**

Kultivazzjonijiet li normalment mhumiex mibjugħin direttament għall-konsum minħabba li jkunu jeħtieġu li jiġu pproċessati b'mod industrijali qabel l-użu aħħari.

L-oqsma kollha tal-ħsad ta' kultivazzjonijiet industrijali, mingħajr ma jingħata kas tal-użu, għandhom jiġu rreġistrati hawn (inklużi kultivazzjonijiet użati għall-produzzjoni ta' enerġija li tiġġedded).

2.01.06.01 **Tabakk**

*Nicotiana tabacum L.*

2.01.06.02 **Ħopps**

*Humulus lupulus L.*

2.01.06.03 **Qoton**

*Gossypium* spp., maħsud għall-ħjut kif ukoll għaż-żrieragħ taż-żjut.

2.01.06.04 **Lift u lift tan-nevew**

*Brassica napus L. (partim)* u *Brassica rapa L. var. sylvestris (Lam.) Briggs*, imkabbra għall-produzzjoni taż-żejt, maħsuda bħala qmugħ niexfin.

2.01.06.05 **Ġirasol**

*Helianthus annuus* L., maħsuda bħala qmugħ nexfin.

2.01.06.06 **Sojja**

*Glycine max L. Merril*, maħsuda bħala qmugħ nexfin.

2.01.06.07 **Żerriegħa tal-kittien (kittien taż-żejt)**

*Linum usitatissimum* L., varjetajiet imkabbra prinċipalment għall-produzzjoni taż-żejt, maħsuda bħala qmugħ nexfin.

2.01.06.08 **Kultivazzjonijiet oħrajn taż-żrieragħ taż-żejt**

Kultivazzjonijiet oħrajn imkabbra prinċipalment għall-kontenut taż-żejt tagħhom, maħsuda bħala qmugħ nexfin, li mhumiex imsemmija xi mkien ieħor.

2.01.06.09 **Kittien**

*Linum usitatissimum* L., varjetajiet imkabbra prinċipalment għall-produzzjoni tal-ħjut.

2.01.06.10 **Qanneb**

*Cannabis sativa L.*

2.01.06.11 **Uċuħ oħrajn tal-ħjut**

Pjanti oħrajn imkabbra prinċipalment għall-kontenut tal-ħjut tagħhom, mhux imsemmija xi mkien ieħor.

2.01.06.12 **Pjanti aromatiċi, pjanti mediċinali u kulinari**

Pjanti jew partijiet ta' pjanti għal skopijiet farmaċewtiċi, il-manifattura ta' fwejjaħ jew il-konsum mill-bniedem.

Pjanti kulinari huma distinti mill-ħxejjex billi dawn jintużaw f'ammonti żgħar u jipprovdu togħma aktar milli sustanza fl-ikel.

2.01.06.99 **Kultivazzjonijiet industrijali oħrajn mhux imsemmija xi mkien ieħor**

Kultivazzjonijiet industrijali oħrajn li mhumiex imsemmija xi mkien ieħor.

Huma inklużi oqsma ta' kultivazzjonijiet użati esklussivament għall-produzzjoni ta' enerġija li tiġġedded.

2.01.07 **Ħaxix frisk, bettieħ u frawli mil-liema:**

2.01.07.01 **Ta' barra jew taħt kopertura protettiva baxxa (mhux aċċessibbli)**

Ħaxix frisk, bettieħ u frawli, ta' barra jew taħt kopertura baxxa (mhux aċċessibbli).

2.01.07.01.01 **Għalqa miftuħa**

Ħaxix frisk, bettieħ u frawli mkabbra fuq art li tinħarat bin-newba ma' kultivazzjonijiet agrikoli oħrajn.

2.01.07.01.02 **Ġardinaġġ tas-suq**

Ħaxix frisk, bettieħ u frawli mkabbra fuq art li tinħarat bin-newba ma' kultivazzjonijiet ortikulturali oħrajn.

2.01.07.02 **Taħt ħġieġ jew kopertura protettiva (aċċessibbli) oħra**

Kultivazzjonijiet, li għall-perjodu sħiħ tat-tkabbir tagħhom jew għall-parti predominanti tiegħu, huma mgħottijin minn serer jew għata għolja fissa jew mobbli (ħġieġ jew plastik riġidu jew flessibbli).

2.01.08 **Fjuri u pjanti tat-tiżjin (minbarra mixtliet)**

2.01.08.01 **Ta' barra jew taħt għata protettiva baxxa (mhux aċċessibbli)**

Fjuri u pjanti tat-tiżjin (minbarra mixtliet), ta' barra jew taħt għata protettiva baxxa (mhux aċċessibbli).

2.01.08.02 **Taħt ħġieġ jew għata protettiva oħra (aċċessibbli)**

Fjuri u pjanti tat-tiżjin (minbarra mixtliet), li għall-perjodu kollu tat-tkabbir jew għall-parti predominanti tiegħu, huma mgħottijin minn serer jew għata għolja fissa jew mobbli (ħġieġ jew plastik riġidu jew flessibbli).

2.01.09 **Pjanti maħsudin ħodor**

Il-kultivazzjonijiet "ħodor" kollha li jinħartu intiżi prinċipalment għall-għalf tal-annimali, imkabbra bin-newba ma' kultivazzjonijiet oħrajn u li jokkupaw l-istess biċċa art għal inqas minn ħames snin (kultivazzjonijiet tal-għalf annwali jew multiannwali).

Huma inklużi l-kultivazzjonijiet ħodor użati għall-produzzjoni tal-enerġija li tiġġedded.

Huma inklużi l-kultivazzjonijiet mhux użati fuq l-azjenda iżda mibjugħin, jew għall-użu dirett fuq azjendi agrikoli oħrajn jew lill-industrija.

2.01.09.01 **Ħaxix temporanju**

Pjanti tal-ħaxix għar-rigħi, tiben jew ħaxix tal-għalf inklużi bħala parti minn newba tal-kultivazzjonijiet normali, li ddum mill-inqas sena ta' ħsad u inqas minn ħames snin, miżrugħin ma' ħaxix jew taħlitiet tal-ħaxix. Iż-żoni huma mqassma permezz ta' ħrit jew tagħżiq ieħor jew il-pjanti jinqerdu b'mezzi oħrajn bħall-erbiċidi qabel ma jerġgħu jinżergħu.

Huma inklużi hawn taħlitiet ta' pjanti li huma predominanti ħodor u kultivazzjonijiet oħra tar-rigħi (normalment leguminużi), mirgħa, maħsuda ħodor jew bħala tiben imnixxef.

2.01.09.02 **Pjanti oħrajn maħsudin ħodor**

Kultivazzjonijiet tal-għalf oħrajn annwali jew multiannwali (inqas minn ħames snin).

2.01.09.02.01 **Qamħirrun aħdar**

L-għamliet kollha ta' qamħirrun (*Zea mays* L.) imkabbar prinċipalment għall-ħaxix għall-għalf, li mhux maħsud għall-qmugħ (iċ-ċifċiegħa sħiħa, il-pjanta sħiħa jew partijiet minnha).

Dan jinkludi l-qamħirrun aħdar ikkunsmat direttament minn annimali (mingħajr ħaxix tal-għalf) u ċifċiegħ sħaħ (qamħ, zokk, ħliefa) maħsuda għall-għalf jew ħaxix għall-għalf kif ukoll għall-produzzjoni tal-enerġija li tiġġedded.

2.01.09.02.02 **Pjanti leguminużi**

Pjanti leguminużi mkabbra u maħsudin ħodor bħala l-pjanta sħiħa prinċipalment għall-mergħa.

Hawn huma inklużi taħlitiet ta' kultivazzjonijiet tal-mergħa u pjanti tal-ħaxix li huma predominanti leguminużi (normalment > 80 %), maħsudin ħodor jew bħala tiben imnixxef.

2.01.09.02.99 **Pjanti oħrajn maħsudin ħodor mhux imsemmija xi mkien ieħor**

Kultivazzjonijiet oħrajn li jinħartu intiżi prinċipalment għall-għalf tal-annimali, maħsudin ħodor, mhux imsemmija xi mkien ieħor.

2.01.10 **Żrieragħ u nebbiet ta' art li tinħarat**

Żoni li jipproduċu żrieragħ u nebbiet għall-bejgħ, esklużi ċ-ċereali, ir-ross, il-legumi, il-patata u żrieragħ taż-żejt.

2.01.11 **Kultivazzjonijiet oħrajn ta' art li tinħarat**

Kultivazzjonijiet li jinħartu mhux inklużi xi mkien ieħor.

2.01.12 **Art li mhux qed tinħadem**

L-art kollha li tinħarat inkluża fis-sistema tan-newba tal-kultivazzjonijiet, kemm jekk maħduma kif ukoll jekk le, iżda mingħajr ebda intenzjoni li jiġi prodott ħsad għat-tul tal-perjodu ta' sena tal-ħsad.

Il-karatteristika essenzjali ta' art li mhux qed tinħadem hija li din titħalla tirkupra, normalment għas-sena sħiħa tal-ħsad.

Art li mhux qed tinħadem tista' tkun:

1. art għerija li ma fiha ebda ħsad;
2. art bi tkabbir naturali spontanju, li jista' jintuża bħala għalf jew inkella tajba biex tinħarat;
3. art miżrugħa esklussivament għall-produzzjoni ta' tidmil bil-ħaxix (art mhix maħduma ħadra).

Huma inklużi ż-żoni kollha ta' art li tinħarat miżmuma f'kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin kif stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 jew, fejn applikabbli, fil-leġiżlazzjoni l-aktar reċenti ([1]), mingħajr ma jingħata kas jekk humiex parti min-newba tal-kultivazzjonijiet jew le.

2.01.12.01 **Art li mhux qed tinħadem mingħajr sussidji**

Art li mhux qed tinħadem għal liema ma titħallas ebda għajnuna finanzjarja jew sussidju.

2.01.12.02 **Art li mhux qed tinħadem soġġetta għall-ħlas ta' sussidji, mingħajr ebda użu ekonomiku**

Art li mhux qed tinħadem għal liema l-azjenda hija intitolata għal għajnuna finanzjarja.

2.02 **Ġonna bi ħxejjex tal-kċina**

Żoni dedikati għall-kultivazzjoni ta' prodotti agrikoli intiżi għall-konsum mid-detentur u l-unità domestika tiegħu stess, normalment isseparati mill-bqija tal-art agrikola, u jistgħu jintgħarfu bħala ġonna bi ħxejjex tal-kċina.

Huma biss il-prodotti żejda okkażjonali li jiġu minn din iż-żona li jinbiegħu mill-azjenda. Iż-żoni kollha mil-liema jinbiegħu b'mod konsistenti prodotti fis-suq jaqgħu taħt partiti oħrajn, anke jekk parti mill-produzzjoni hija kkonsmata mid-detentur u l-unità domestika tiegħu.

2.03 **Art għall-mergħa permanenti**

Art użata b'mod permanenti (għal ħames snin jew aktar) biex jitkabbru kultivazzjonijiet erbaċji tal-mergħa, permezz ta' kultivazzjoni (miżrugħa) jew naturalment (miżrugħa minnha stess), u li mhix inkluża fin-newba tal-kultivazzjonijiet fl-azjenda.

L-art tista' tintuża għar-rigħi jew maħsuda għal ħaxix għall-għalf, tiben jew użata għall-produzzjoni ta' enerġija li tiġġedded.

2.03.01 **Mergħat u għelieqi tal-ħaxix, minbarra rigħi aħrax**

Mergħat permanenti fuq ħamrija ta' kwalità tajba jew medja. Dawn iż-żoni normalment jistgħu jintużaw għal rigħi intensiv.

2.03.02 **Rigħi aħrax**

Art għall-mergħa permanenti b'rendiment baxx, ġeneralment fuq ħamrija ta' kwalità baxxa, pereżempju fuq art bl-għoljiet u f'altitudni għolja, ġeneralment mhux imtejba b'fertilizzant, kultivazzjoni, tiżrigħ mill-ġdid jew dranaġġ.

Dawn iż-żoni normalment jistgħu jintużaw għal mergħa estensiva u normalment ma jinħartux jew jinħartu b'mod estensiv; ma jistgħux jappoġġaw densità kbira ta' annimali.

2.03.03 **Art għall-mergħa permanenti mhux aktar użata għal skopijiet ta' produzzjoni u eliġibbli għall-ħlas ta' sussidji**

Żoni ta' art għall-mergħa permanenti u għelieqi tal-ħaxix li ma jintużawx aktar għal skopijiet ta' produzzjoni li, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jew, fejn applikabbli, il-leġiżlazzjoni l-aktar reċenti jinżammu f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba u huma eliġibbli għal appoġġ finanzjarju.

([1]) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1.

2.04 **Kultivazzjonijiet permanenti**

Kultivazzjonijiet li ma jitkabbrux bin-newba, għajr għall-art għall-mergħa permanenti, li jokkupaw il-ħamrija għal perjodu twil u jipprovdu kultivazzjonijiet matul bosta snin.

2.04.01 **Pjantaġġuni tal-frott u l-frott tal-bosk**

Żoni li fihom siġar, sġajriet u pjanti tal-frott tal-bosk perenni għajr għall-frawli għall-produzzjoni tal-frott. Il-ġonna tas-siġar tal-frott jistgħu jkunu tat-tip kontinwu bi spazju minimu bejn is-siġar jew tat-tip mhux kontinwu bi spazju wiesa'.

2.04.01.01 **Speċi tal-frott, li fosthom:**

2.04.01.01.01 **Frott ta' żoni b'klima moderata**

Pjantaġġuni ta' siġar tal-frott li huma tradizzjonalment maħsudin fi klimi moderati għall-produzzjoni tal-frott.

2.04.01.01.02 **Frott ta' żoni bi klima sudtropikali**

Pjantaġġuni ta' siġar tal-frott li huma tradizzjonalment maħsuda fi klimi subtropikali għall-produzzjoni tal-frott.

2.04.01.02 **Speċi ta' frott tal-bosk**

Pjantaġġuni ta' frott tal-bosk li huma tradizzjonalment maħsuda kemm fi klimi moderati kif ukoll dawk subtropikali għall-produzzjoni ta' frott tal-bosk.

2.04.01.03 **Lewż**

Pjantaġġuni ta' siġar tal-lewż li huma tradizzjonalment maħsuda fi klimi moderati u sudtropikali.

2.04.02 **Pjantaġġuni taċ-ċitru**

Pjantaġġuni ta' *Citrus* spp.

2.04.03 **Pjantaġġuni taż-żebbuġ**

Pjantaġġuni ta' *Olea europea* L.

2.04.03.01 **Normalment jipproduċu żebbuġ għall-mejda**

Pjantaġġuni ta' varjetajiet normalment imkabbra għall-produzzjoni ta' żebbuġ għall-mejda.

2.04.03.02 **Normalment jipproduċu żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt**

Pjantaġġuni ta' varjetajiet normalment imkabbra għall-produzzjoni ta' żejt taż-żebbuġa.

2.04.04 **Vinji, li normalment jipproduċu:**

Pjantaġġuni ta' *Vitis vinifera* L.

2.04.04.01 **Inbid ta' kwalità**

Varjetajiet ta' għeneb normalment imkabbra għall-produzzjoni ta' nbejjed b'denominazzjoni tal-oriġini protetta (DPO) li huma konformi mar-rekwiżiti (i) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 ([1]) jew, fejn applikabbli, il-leġiżlazzjoni l-aktar reċenti u (ii) ir-regoli nazzjonali korrispondenti.

Varjetajiet ta' għeneb normalment imkabbra għall-produzzjoni ta' nbejjed b'indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP) li huma konformi mar-rekwiżiti (i) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 jew, fejn applikabbli, il-leġiżlazzjoni l-aktar reċenti u (ii) ir-regoli nazzjonali korrispondenti.

2.04.04.02 **Inbejjed oħrajn**

Varjetajiet ta' għeneb normalment imkabbra għall-produzzjoni ta' nbejjed li mhumiex inbejjed DPO u IĠP.

2.04.04.03 **Għeneb għall-mejda**

Varjetajiet ta' għeneb normalment imkabbra għall-produzzjoni ta' għeneb frisk.

2.04.04.04 **Żbib**

Varjetajiet ta' għeneb normalment imkabbra għall-produzzjoni ta' żbib.

---

([1]) ĠU L 148, 6.6.2008, p. 1.

2.04.05 **Mixtliet**

Żoni ta' pjanti lenjużi (tal-injam) żgħar imkabbra fil-miftuħ għat-trapjant sussegwenti:

(a) mixtliet ta' dwieli u għeruq;

(b) mixtliet ta' siġar tal-frott u frott tal-bosk;

(ċ) mixtliet tat-tiżjin;

(d) mixtliet kummerċjali ta' siġar tal-foresti (esklużi dawk għar-rekwiżiti tal-azjenda stess imkabbra f'art imsaġġra);

(e) siġar u sġajriet għall-ippjantar f'ġonna, parks, mat-toroq u fuq ċnut (pereżempju pjanti ta' sġajriet li jagħmlu sies, siġar tal-ward u sġajriet oħrajn tat-tiżjin, koniferi tat-tiżjin), inklużi fil-każijiet kollha z-zkuk tagħhom u nebbiet żgħar.

2.04.06 **Kultivazzjonijiet permanenti oħrajn**

Kultivazzjonijiet permanenti fil-miftuħ għajr għal dawk taħt l-intestatura preċedenti u b'mod partikolari dawk użati għax-xogħol ta' trizza jew insiġ, maħsudin ġeneralment kull sena.

2.04.06.01 **li fosthom siġar tal-Milied** ([1])

Siġar ippjantati għal skopijiet kummerċjali bħal siġar tal-Milied fuq iż-żona agrikola utilizzata.

2.04.07 **Kultivazzjonijiet permanenti taħt il-ħġieġ**

2.05 **Art oħra**

"Art oħra" tinkludi art agrikola mhux użata (art agrikola li ma għadhiex tintuża, għal raġunijiet ekonomiċi, soċjali jew oħrajn, u li mhijiex użata fis-sistema tan-newba tal-kultivazzjonijiet), żona msaġġra u art oħra okkupata minn bini, btieħi tal-farms, mogħdijiet, għadajjar, barrieri, art mhux fertili, blat, eċċ.

2.05.01 **Art agrikola mhux użata**

Żona użata preċedentement bħala żona agrikola u, matul is-sena ta' referenza tal-istħarriġ, ma nħadmitx aktar għal raġunijiet ekonomiċi, soċjali jew oħrajn u mhijiex użata fis-sistema tan-newba tal-kultivazzjonijiet, jiġifieri art fejn ma huwa ntiż ebda użu agrikolu.

Din l-art tista' terġa' tintuża għall-kultivazzjoni bl-użu tar-riżorsi normalment disponibbli fuq azjenda agrikola.

2.05.02 **Żona msaġġra**

Żoni koperti minn siġar jew arbuxxelli tal-foresti, inklużi pjantaġġuni tal-luq ġewwa jew barra boskijiet u mixtliet ta' siġar tal-foresti mkabbra f'art imsaġġra għar-rekwiżiti tal-azjenda stess, kif ukoll faċilitajiet tal-foresta (toroq tal-foresta, imħażen għall-ħażna tal-injam, eċċ.).

2.05.02.01 **mil-liema msaġar ta' newba qasira**

Żoni msaġġra ġestiti għat-tkabbir ta' pjanti tal-boskijiet, fejn il-perjodu tan-newba huwa ta' 20 sena jew inqas.

Il-perjodu tan-newba huwa ż-żmien bejn l-ewwel tiżrigħ/ippjantar tas-siġar u l-ħsad tal-prodott finali, fejn il-ħsad ma jinkludix azzjonijiet ta' ġestjoni normali bħal traqqiq.

2.05.03 **Art oħra (art okkupata minn bini, btieħi tal-farms, mogħdijiet, għadajjar, barrieri, art mhux fertili, blat, eċċ.)**

Dawk il-partijiet kollha taż-żona totali li jappartjenu għall-azjenda agrikola li la jikkostitwixxu żona agrikola użata, żona agrikola mhux użata u lanqas żona msaġġra.

2.06 **Faqqiegħ, żona b'faċilitajiet ta' tisqija, kultivazzjonijiet għall-enerġija u kultivazzjonijiet ġenetikament modifikati**

2.06.01 **Faqqiegħ**

Faqqiegħ ikkultivat imkabbar f'bini li ġie mtella' jew adattat speċjalment għat-tkabbir tal-faqqiegħ, kif ukoll postijiet taħt l-art, għerien u kantini.

([1]) Ma għandux ikun ipprovdut fl-2010.

2.06.02 **Żona b'faċilitajiet ta' tisqija**

2.06.02.01 **Żona totali b'faċilitajiet ta' tisqija**

Iż-żona agrikola użata massima totali li tista' tissaqqa' fis-sena ta' referenza bl-użu tat-tagħmir u l-kwantità tal-ilma normalment disponibbli fuq l-azjenda.

2.06.02.02 **Żona totali kkultivata li tissaqqa mill-inqas darba waħda matul it-12-il xahar preċedenti**

Żona ta' kultivazzjonijiet li attwalment issaqqew mill-inqas darba waħda matul it-12-il xahar qabel il-jum ta' referenza tal-istħarriġ.

2.06.03 **Kultivazzjonijiet tal-enerġija (għall-produzzjoni ta' bijofuwils jew enerġija oħra li tiġġedded)**

Iż-żona ta' produzzjoni tal-kultivazzjonijiet għall-enerġija li jibbenefikaw mill-iskemi ta' appoġġ li ġejjin taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003:

— l-għajnuna speċifika għall-kultivazzjonijiet għall-enerġija (l-Artikolu 88),

— il-ħlas marbut ma' intitolament imwarrab meta l-produzzjoni sseħħ fuq żona mwarrba (l-Artikolu 55 jew 56).

Mhumiex koperti żoni oħrajn użati għall-produzzjoni ta' kultivazzjonijiet għall-enerġija (b'mod partikolari li jibbenefikaw mill-ħlas marbut ma' intitolament "normali" taħt l-iskema ta' Ħlas Waħdieni jew l-Iskema Ssimplifikata ta' Ħlas taż-Żona).

2.06.03.01 **mil-liema fuq żona mwarrba**

Iż-żona ta' produzzjoni ta' kultivazzjonijiet għall-enerġija li jibbenefikaw mill-ħlas marbut ma' intitolament imwarrab meta l-produzzjoni sseħħ fuq żona mwarrba (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, l-Artikolu 55 jew 56)

2.06.04 **Kultivazzjonijiet ġenetikament modifikati**

"Uċuħ ġenetikament modifikati (GMC)" tfisser kwalunkwe orgnaniżmu kif definit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/18/KE ([1]) jew, fejn applikabbli, il-leġiżlazzjoni l-aktar reċenti.

III. BHEJJEM

Numru ta' annimali ta' produzzjoni li huma fil-pussess jew il-ġestjoni diretta tal-azjenda fil-jum ta' referenza tal-istħarriġ.

L-annimali mhumiex neċessarjament il-proprjetà tad-detentur. Dawn l-annimali jistgħu jkunu fuq l-azjenda (fuq żoni agrikoli utilizzati jew f'alloġġ għall-annimali użati mill-azjenda) jew barra minnha (fuq art tar-rgħi komuni jew matul migrazzjoni, eċċ.).

3.01 **Ekwidi**

Annimali domestiċi li jappartjenu għall-familja *Equidae*, l-ispeċi *Equus* (żwiemel, ħmir, eċċ.).

3.02 **Annimali bovini**

Annimali domestiċi tal-ispeċi *Bos Taurus* u *Bubalus bubalus*, inklużi ibridi bħal *Beefalo*.

3.02.01 **Annimali bovini, iżgħar minn sena, maskili u femminili**

3.02.02 **Annimali bovini, ta' sena iżda inqas minn sentejn, maskili**

3.02.03 **Annimali bovini, ta' sena iżda inqas minn sentejn, femminili**

3.02.04 **Annimali bovini maskili, ta' sentejn jew aktar**

3.02.05 **Għoġġiela, sentejn jew aktar**

Annimali tal-ifrat femminili ta' sentejn jew aktar li għadhom ma ferrgħux.

([1]) ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1.

3.02.06 **Baqar tal-ħalib**

Annimali tal-ifrat femminili li diġà ferrgħu (inklużi dawk inqas minn sentejn) u li minħabba r-razza tagħhom jew kwalitajiet partikolari jinżammu esklussivament jew prinċipalment biex jipproduċu l-ħalib għall-konsum mill-bniedem jew għall-ipproċessar fi prodotti tal-ħalib.

3.02.99 **Baqar oħrajn**

Annimali tal-ifrat femminili li diġà ferrgħu (inklużi dawk inqas minn sentejn) u li minħabba r-razza tagħhom jew kwalitajiet partikolari jinżammu esklussivament jew prinċipalment għall-produzzjoni ta' għoġġiela u li l-ħalib tagħhom mhuwiex intiż għall-konsum mill-bniedem jew għall-ipproċessar fi prodotti tal-ħalib.

3.03 **Nagħaġ u mogħoż**

3.03.1 **Nagħaġ (etajiet kollha)**

Annimali domestiċi tal-ispeċi *Ovis aries*.

3.03.01.01 **Nisa għat-tgħammir**

Nagħaġ u ħrief imqiegħda mal-muntun.

3.03.01.99 **Nagħaġ oħrajn**

Nagħaġ oħra għajr in-nisa għat-tgħammir.

3.03.02 **Mogħoż (etajiet kollha)**

Annimali domestiċi tas-sottospeċi *Capra aegagrus hircus*.

3.03.02.01 **Nisa għat-tgħammir**

Mogħoż nisa li diġà wildu u mogħoż li ġew mgħammra.

3.03.02.99 **Mogħoż oħrajn**

Il-mogħoż kollha għajr in-nisa għat-tgħammir.

3.04 **Majjali**

Annimali domestiċi tal-ispeċi *Sus scrofa domesticus*.

3.04.01 **Ħnienes li għandhom piż ħaj ta' inqas minn 20 kilogramma**

Ħnienes li ġeneralment għandhom piż ħaj ta' inqas minn 20 kilogramma.

3.04.02 **Majjali għat-tgħammir li jiżnu 50 kilogramma u aktar**

Majjali femminili li jiżnu 50 kilogramma u aktar intiżi għal skopijiet ta' tgħammir, mingħajr ma jingħata kas jekk ikunux ferrgħu jew le.

3.04.99 **Majjali oħrajn**

Majjali mhux speċifikati xi mkien ieħor.

3.05 **Tjur**

3.05.01 **Brojlers**

Annimali domestiċi tal-ispeċi *Gallus gallus* li jinżammu għall-produzzjoni tal-laħam.

3.05.02 **Tiġieġ li jbidu**

Annimali domestiċi tal-ispeċi *Gallus gallus* li laħqu l-maturità biex ibidu u jinżammu għall-produzzjoni tal-bajd.

3.05.03 **Tjur oħrajn**

Tjur mhux imsemmija taħt Brojlers jew Tiġieġ li jbidu.

3.05.03.01 **Dundjani** [1]

Annimali domestiċi tal-ispeċi *Meleagris*.

3.05.03.02 **Papri** [1]

Annimali domestiċi tal-ispeċi *Anas* u *Cairina moschata*.

(1) Ma għandux ikun ipprovdut fl-2010.

3.05.03.03 **Wiżż** (1)

Annimali domestiċi tal-ispeċi *Anser anser dom*.

3.05.03.04 **Ngħam** (1)

Ngħam (*Struthio camelus*).

3.05.03.99 **Tjur oħrajn, mhux imsemmija xi mkien ieħor** (1)

3.06 **Fniek, nisa għat-tgħammir**

Fniek nisa (tal-ispeċi *Oryctolagus*) għall-produzzjoni ta' fniek għal-laħam u li ferrgħu.

3.07 **Naħal**

Numru ta' doqqajs okkupati minn naħal (*Apis mellifera*) miżmuma għall-produzzjoni tal-għasel.

3.99 **Bhejjem mhux imsemmija xi mkien ieħor**

Kwalunkwe bhima tal-produzzjoni mhux imsemmija xi mkien ieħor f'din it-taqsima.

IV. MAKKINARJU U TAGĦMIR

4.01 **IV. (i) MAKKINARJU** (1)

Vetturi u makkinarju użati mill-azjenda agrikola matul it-12-il xahar ta' qabel il-jum ta' referenza tal-istħarriġ.

4.01.01 **Li jappartjenu esklussivament għall-azjenda**

Vetturi u makkinarju użati mill-azjenda agrikola matul it-12-il xahar ta' qabel il-jum ta' referenza tal-istħarriġ.

4.01.01.a **Trakters b'erba' roti, trakters li jwittu mogħdijiet, ġarriera tal-għodda**

It-trakters kollha b'mill-inqas żewġ fusijiet tar-rota u l-vetturi tal-mutur l-oħrajn kollha użati bħala trakters agrikoli.

4.01.01.b **Koltivaturi, muturi tal-ħart, muturi tal-ħart li jduru u muturi tal-ħsad**

Vetturi bil-mutur b'fus wieħed jew mingħajr fus użati fl-agrikoltura, l-ortikultura u l-vitikultura.

4.01.01.c **Magni li jaħsdu u jidirsu**

Magni li jaħsdu u jidirsu ċereali, kultivazzjonijiet tal-proteini u żrieragħ taż-żejt, żrieragħ ta' legumi u ħxejjex, eċċ., mingħajr ma jingħata kas jekk humiex b'imbottatura minnhom stess, miġbuda minn trakter jew immuntati fuq trakter.

4.01.01.d **Magni tal-ħsad oħrajn kompletament immekkanizzati**

Magni, għajr magni li jaħsdu u jidirsu, għall-ħsad kontinwu ta' pitravi zokkrija, patata jew kultivazzjonijiet ta' ħaxix, mingħajr ma jingħata kas ta' jekk humiex b'imbottatura minnhom stess, miġbuda minn trakter jew immuntati fuq trakter.

4.01.02 **Makkinarju użat minn diversi azjendi**

Vetturi bil-mutur u makkinarju użat mill-azjenda agrikola matul it-12-il xahar ta' qabel il-jum ta' referenza tal-istħarriġ iżda li huma l-proprjetà ta':

— azjenda agrikola oħra (pereżempju użati taħt arranġamenti ta' għajnuna reċiproka jew mikrija minn sindakat tal-kiri ta' makkinarju), jew

— assoċjazzjoni kooperattiva, jew

— żewġ azjendi agrikoli konġunti jew aktar, jew

— grupp ta' makkinarju, jew

— aġenzija ta' provvista ta' servizz agrikolu.

(1) Ma għandux ikun ipprovdut fl-2010.

4.01.02.a **Trakters b'erba' roti, trakter li jwittu mogħdijiet, ġarriera tal-għodda**

4.01.02.b **Kultivaturi, muturi tal-ħart, muturi tal-ħart li jduru u muturi tal-ħsad**

4.01.02.c **Magni li jaħsdu u jidirsu**

4.01.02.d **Magni oħrajn li jaħsdu kompletament immekkanizzati**

4.02 **IV. (ii) Tagħmir**

4.02.01 **Tagħmir użat għall-produzzjoni ta' enerġija li tiġġedded skont it-tip ta' sors tal-enerġija**

Tagħmir użat mill-azjenda agrikola għall-produzzjoni tal-enerġija li tiġġedded matul it-12-il xahar li jintemmu fil-jum ta' referenza tal-istħarriġ għas-suq (imqabbad mal-gradilja) jew għall-produzzjoni agrikola proprja (mhux imqabbad mal-gradilja).

Huwa eskluż tagħmir li jinsab fuq art li tappartjeni għall-azjenda jekk il-bidwi mhux involut fil-produzzjoni tal-enerġija, kemm permezz ta' investiment jew permezz ta' parteċipazzjoni attiva (jiġifieri jirċievi biss kera għall-art).

4.02.01.01 **Riħ**

Tagħmir użat mill-azjenda agrikola għall-produzzjoni tal-enerġija li tiġġedded mir-riħ.

L-enerġija mir-riħ hija enerġija kinetika tar-riħ sfruttata għall-ġenerazzjoni tal-elettriku f'turbini tar-riħ.

Hija inkluża wkoll l-enerġija mekkanika diretta derivata mir-riħ.

4.02.01.02 **Bijomassa**

Tagħmir użat mill-azjenda agrikola għall-produzzjoni ta' enerġija li tiġġedded mill-bijomassa.

Il-bijomassa hija materjal organiku solidu, likwidu jew li fih il-gass, mhux fossili ta' oriġini bijoloġika użata għall-produzzjoni tas-sħana, tal-elettriku jew ta' fjuwils għat-trasport.

4.02.01.02.01 **mil-liema bijometanu**

Tagħmir użat mill-azjenda agrikola għall-produzzjoni ta' bijogass mill-bijomassa.

Il-bijogass huwa gass kompost prinċipalment minn metanu u dijossidu tal-karbonju prodott mid-diġestjoni anerobika tal-bijomassa.

4.02.01.03 **Solari**

Tagħmir użat mill-azjenda agrikola għall-produzzjoni ta' enerġija li tiġġedded mir-radjazzjoni solari.

Ir-radjazzjoni solari hija radjazzjoni sfruttata għall-produzzjoni ta' ilma sħun u l-ġenerazzjoni tal-elettriku.

4.02.01.04 **Idroenerġija**

Tagħmir użat mill-azjenda agrikola għall-produzzjoni ta' enerġija li tiġġedded mill-idroenerġija.

L-idroenerġija hija enerġija potenzjali u kinetika tal-ilma kkonvertita f'elettriku fi pjanti idroelettriċi.

Hija inkluża wkoll l-enerġija mekkanika diretta derivata mill-ilma.

4.02.01.99 **Tipi oħrajn ta' sorsi ta' enerġija li tiġġedded**

Kwalunkwe tagħmir użat mill-azjenda agrikola għall-produzzjoni ta' enerġija li tiġġedded mhux imsemmi xi mkien ieħor f'din it-taqsima.

V. FORZA TAX-XOGĦOL

5.01 **V. (i) Xogħol tal-biedja fl-azjenda**

**Forza tax-xogħol tal-biedja**

Il-forza tax-xogħol tal-biedja tal-azjenda tinkludi l-persuni kollha li temmew l-edukazzjoni obbligatorja tagħhom (li laħqu l-età biex jitilqu mill-iskola) li għamlu xogħol tal-biedja fl-azjenda matul it-12-il xahar li jintemmu fil-jum ta' referenza tal-istħarriġ.

Għajr jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali tindika l-età minima tal-edukazzjoni obbligatorja full-time u part-time, jiġi kkunsidrat li 15-il sena hija l-età konvenzjonali ta' tluq mill-iskola.

Detenturi waħdanin li ma jagħmlux xogħol tal-biedja fl-azjenda huma rreġistrati fl-istħarriġ, iżda mhumiex magħduda fil-"Forza tax-xogħol totali tal-farm".

Il-persuni kollha fl-età tal-iritirar li jkomplu jaħdmu fl-azjenda huma inklużi fil-forza tax-xogħol tal-biedja.

Mhumiex inklużi l-persuni li qed jaħdmu fl-azjenda iżda li huma impjegati minn parti terza jew taħt arranġamenti ta' għajnuna reċiproka (pereżempju ħaddiema pprovduti minn kuntratturi jew kooperattivi agrikoli).

**Xogħol tal-biedja**

Xogħol tal-biedja huwa kkunsidrat bħala kull tip ta' xogħol fl-azjenda li jikkontribwixxi għal jew (i) l-attivitajiet kif iddefiniti fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1166/2008; jew (ii) il-manteniment tal-mezzi ta' produzzjoni; jew (iii) attivitajiet direttament derivati minn dawn l-azzjonijiet produttivi.

**Iż-żmiem imqatta' għal xogħol tal-biedja fl-azjenda**

Iż-żmien imqatta' għal xogħol tal-biedja fl-azjenda huwa l-ħin tax-xogħol attwalment dedikat għal xogħol tal-biedja għall-azjenda, eskluż xogħol fl-unitajiet domestiċi tad-detentur jew il-maniġer.

**Unità ta' xogħol annwali (AWU)**

L-impjieg ekwivalenti għal full-time, jiġifieri s-sigħat totali maħduma diviżi mis-sigħat medji annwali maħduma f'impjiegi full-time fil-pajjiż.

Full-time tfisser is-sigħat minimi meħtieġa mid-dispożizzjonijiet nazzjonali li jirregolaw il-kuntratti tax-xogħol. Jekk dawn ma jindikawx in-numru ta' sigħat annwali, iċ-ċifra minima hija kkunsidrata bħala 1 800 siegħa (225 ġurnata tax-xogħol ta' tmien sigħat kuljum).

5.01.01 **Detentur**

Id-detentur huwa l-persuna naturali, grupp ta' persuni naturali jew persuna legali li fuq il-kont tagħha jew f'isimha topera l-azjenda u li hija legalment u ekonomikament responsabbli għall-azjenda, jiġifieri li tieħu r-riskji ekonomiċi tal-azjenda.

Id-detentur jista' jkollu pussess tal-azjenda jew jikriha jew ikun detentur ta' kera ereditarja fit-tul jew użufruttwarju jew fedekommissarju.

5.01.01.01 Sess

5.01.01.02 Età

5.01.01.03 Ix-xogħol tal-biedja fl-azjenda (għajr għal xogħol tad-dar)

5.01.02 **Maniġer**

Il-maniġer tal-azjenda huwa l-persuna naturali responsabbli għar-rutini finanzjarji u produttivi normali ta' kuljum għat-tmexxija tal-azjenda kkonċernata.

5.01.02.01 Sess

5.01.02.02 Età

5.01.02.03 Ix-xogħol tal-biedja fl-azjenda (għajr għal xogħol tad-dar)

5.01.02.04 **Taħriġ tal-maniġer**

5.01.02.04.a **Taħriġ agrikolu tal-maniġer**

**Esperjenza agrikola prattika biss**

Esperjenza miksuba permezz ta' xogħol prattiku fuq azjenda agrikola.

**Taħriġ agrikolu bażiku**

Kwalunkwe kors ta' taħriġ komplut f'kulleġġ agrikolu ġenerali u/jew istituzzjoni li tispeċjalizza f'ċerti suġġetti (inklużi l-ortikultura, il-vitikultura, is-silvikultura, il-pixxikultura, ix-xjenza veterinarja, it-teknoloġija agrikola u suġġetti assoċjati). Apprendistat agrikolu kkompletat huwa kkunsidrat bħal taħriġ bażiku.

**Taħriġ agrikolu komplet**

Kwalunkwe kors ta' taħriġ li jkompli għall-ekwivalenti ta' mill-inqas sentejn ta' taħriġ full-time wara t-tmiem tal-edukazzjoni obbligatorja u kkompletat f'kulleġġ, università jew istitut agrikolu ieħor ta' edukazzjoni ogħla fl-agrikoltura, l-ortikoltura, il-vitikultura, is-silvikultura, il-pixxikultura, ix-xjenza veterinarja, it-teknoloġija agrikola jew suġġett assoċjat.

5.01.02.04.b **Taħriġ vokazzjonali meħud mill-maniġer matul l-aħħar 12-il xahar** ([1])

It-taħriġ vokazzjonali huwa kejl jew attività ta' taħriġ ipprovdut minn ħarrieġ jew istituzzjoni tat-taħriġ li għandha bħala għan primarju l-kisba ta' kompetenzi ġodda relatati mal-attivitajiet tal-farm jew attivitajiet relatati direttament mal-azjenda jew l-iżvilupp u t-titjib ta' dawk eżistenti.

5.01.03 **Membri tal-familja tad-detentur waħdieni li jagħmlu xogħol tal-biedja għall-azjenda**

Il-membri tal-familja tad-detentur waħdieni, inkluż il-konjuġi, li jagħmlu xogħol tal-biedja fl-azjenda, iżda li mhux neċessarjament jgħixu fl-azjenda.

Ġeneralment, il-membri tal-familja tad-detentur huma l-konjuġi, qraba fil-linja axxendenti jew dixxendenti (inklużi biż-żwieġ jew bl-adozzjoni) u aħwa subien u bniet tad-detentur jew il-konjuġi tiegħu/tagħha.

Żewġ persuni li jgħixu flimkien bħala sieħba konjuġi, mingħajr ma jkunu miżżewġin, jitqiesu wkoll bħala konjuġi.

5.01.03.01 **Membri tal-familja tad-detentur waħdieni li jagħmlu xogħol tal-biedja għall-azjenda: rġiel**

— Ix-xogħol tal-biedja fl-azjenda (għajr għal xogħol tad-dar)

5.01.03.02 **Membri tal-familja tad-detentur waħdieni li jagħmlu xogħol tal-biedja għall-azjenda: nisa**

— Ix-xogħol tal-biedja fl-azjenda (għajr għal xogħol tad-dar)

5.01.04 **Ħaddiema mhux tal-familja impjegati regolarment**

Il-persuni kollha li jagħmlu xogħol tal-biedja għal u li jirċievu kull tip ta' remunerazzjoni (salarju, pagi, qligħ jew pagamenti oħrajn inklużi pagamenti f'oġġetti) mill-azjenda agrikola, għajr għad-detentur u l-membri tal-familja tiegħu.

Il-forza tax-xogħol impjegati regolarment huma persuni li jagħmlu xogħol tal-biedja kull ġimgħa fl-azjenda matul it-12-il xahar li jintemmu fil-jum ta' referenza tal-istħarriġ, ikun x'ikun it-tul tal-ġimgħa tax-xogħol.

Huma inklużi wkoll persuni li ħadmu regolarment għal parti ta' dak il-perjodu, iżda ma setgħux jaħdmu għall-perjodu sħiħ minħabba xi raġuni minn dawn li ġejjin:

1. kundizzjonijiet speċjali ta' produzzjoni fl-azjenda (pereżempju li tispeċjalizza fit-tkabbir taż-żebbuġ jew l-għeneb jew il-frott u l-ħxejjex fl-għelieqi miftuħa jew fit-tismin ta' frat fuq il-ħaxix u tkun teħtieġ biss il-ħaddiema għal numru limitat ta' xhur);
2. assenza minħabba btajjel, servizz militari, mard, inċident jew mewt;
3. il-bidu jew it-tmiem ta' impjieg mal-azjenda (tkopri wkoll il-ħaddiema li jieqfu jaħdmu għal azjenda agrikola biex jibdew jaħdmu ma' waħda oħra matul it-12-il xahar ta' qabel il-jum ta' referenza tal-istħarriġ);
4. waqfien sħiħ mix-xogħol fl-azjenda minħabba kawżi aċċidentali (għargħar, nirien, eċċ.).

([1]) Ma għandux ikun ipprovdut fl-2013.

5.01.04.01 **Ħaddiema mhux tal-familja impjegati regolarment: rġiel**

— Ix-xogħol tal-biedja fl-azjenda (għajr għax-xogħol tad-dar)

5.01.04.02 **Ħaddiema mhux tal-familja impjegati regolarment: nisa**

— Ix-xogħol tal-biedja fl-azjenda (għajr għax-xogħol tad-dar)

5.01.05 **Ħaddiema mhux tal-familja impjegati fuq bażi mhux regolari: irġiel u nisa**

Il-persuni mhux impjegati regolarment huma l-ħaddiema li ma ħadmux kull ġimgħa fl-azjenda agrikola fit-12-il xahar li jintemmu fil-jum ta' referenza tal-istħarriġ għal raġuni għajr dawk elenkati taħt Ħaddiema mhux tal-familja impjegati regolarment.

In-numru ta' ġranet tax-xogħol maħduma mill-forza tax-xogħol mhux tal-familja mhux regolari huwa kwalunkwe ġurnata ta' tali tul li l-ħaddiem jitħallas is-salarju jew kwalunkwe tip ta' remunerazzjoni (pagi, qligħ jew pagamenti oħrajn inklużi pagament f'oġġetti) għal ġurnata sħiħ tax-xogħol, matul liema jkun sar xogħol tat-tip li normalment jinħadem minn ħaddiem agrikolu full-time. Ġranet tal-lif u tal-mard ma jgħoddux bħala ġranet tax-xogħol.

Ġurnata tax-xogħol full-time hija l-ġurnata tax-xogħol normali ta' ħaddiema regolari impjegati fuq bażi full-time.

5.01.06 **In-numru totali ta' ġranet tax-xogħol ekwivalenti għal full-time ta' xogħol tal-biedja matul it-12-il xahar ta' qabel il-jum tal-istħarriġ, mhux inklużi taħt kategoriji preċedenti, li jinħadmu fl-azjenda minn persuni mhux impjegati direttament mill-azjenda (pereżempju impjegati ta' kuntratturi)**

It-tipi kollha ta' xogħol tal-biedja maħduma fl-azjenda għall-azjenda minn persuni li mhumiex impjegati direttament mill-azjenda, iżda jaħdmu għal rashom jew huma impjegati minn partijiet terzi, pereżempju kuntratturi jew kooperattivi.

In-numru ta' sigħat maħduma jrid jiġi konvertit għan-numru ekwivalenti ta' ġranet jew ġimgħat fuq bażi full-time.

5.02 **V. (ii) Attivitajiet bi QLIGĦ oħrajn (xogħol mhux tal-biedja fl-azjenda u xogħol barra mill-azjenda)**

Attività oħra bi qligħ hija kull attività li ssir għal remunerazzjoni (salarju, pagi, qligħ jew pagament ieħor, inkluż pagament f'oġġetti, skont is-servizz mogħti) għajr għax-xogħol tal-biedja definit fit-Taqsima V. (i).

Huwa inkluż ix-xogħol tal-biedja maħdum mill-forza tax-xogħol ta' azjenda agrikola għal azjenda agrikola oħra.

Tinġabar biss l-informazzjoni dwar l-azjendi fejn id-detentur huwa persuna naturali (jiġifieri fejn id-detentur huwa wkoll il-maniġer). Huma esklużi l-persuni legali.

Attivitajiet bi qligħ sekondarji mhux agrikoli u mhux separabbli fl-azjenda huma esklużi billi dawn huma inklużi fix-xogħol tal-biedja.

**Impjieg prinċipali**

Attivitajiet li jokkupaw aktar ħin mix-xogħol tal-biedja għall-azjenda.

**Impjieg sussidjarju**

Attivitajiet li jokkupaw inqas ħin mix-xogħol tal-biedja għall-azjenda.

5.02.01 **Attivitajiet bi qligħ oħrajn tad-detentur li huwa wkoll il-maniġer:**

5.02.01.01 Bħala l-impjieg prinċipali tiegħu/tagħha

5.02.01.02 Bħala l-impjieg sussidjarju tiegħu/tagħha

Jekk isiru attivitajiet bi qligħ oħrajn

5.02.01.03 Attivitajiet relatati direttament mal-azjenda

5.02.01.04 Attivitajiet mhux relatati direttament mal-azjenda

5.02.02 **Attivitajiet bi qligħ oħrajn tal-konjuġi tad-detentur waħdieni:**

5.02.02.01 Bħala l-impjieg prinċipali tiegħu/tagħha

| | |
|---|---|
| 5.02.02.02 | Bħala l-impjieg sussidjarju tiegħu/tagħha |
| | Jekk isiru attivitajiet bi qligħ oħrajn |
| 5.02.02.03 | Attivitajiet relatati direttament mal-azjenda |
| 5.02.02.04 | Attivitajiet mhux relatati direttament mal-azjenda |
| 5.02.03 | **Attivitajiet bi qligħ oħrajn tal-membri l-oħra tal-familja tad-detentur waħdieni:** |
| 5.02.03.01 | Bħala l-impjieg prinċipali tiegħu/tagħha |
| 5.02.03.02 | Bħala l-impjieg sussidjarju tiegħu/tagħha |
| | Jekk isiru attivitajiet bi qligħ oħrajn |
| 5.02.03.03 | Attivitajiet relatati direttament mal-azjenda |
| 5.02.03.04 | Attivitajiet mhux relatati direttament mal-azjenda |
| 5.02.04 | **Forza tax-xogħol mhux tal-familja, impjegati direttament fuq bażi regolari u involuti f'attivitajiet bi qligħ oħrajn li huma relatati direttament mal-azjenda** |
| 5.02.04.01 | Bħala l-impjieg prinċipali tiegħu/tagħha |
| 5.02.04.02 | Bħala l-impjieg sussidjarju tiegħu/tagħha |

VI. ATTIVITAJIET BI QLIGĦ OĦRAJN TAL-AZJENDA (RELATATI DIRETTAMENT MAL-AZJENDA)

6.01 **VI. (i) Lista ta' attivitajiet bi qligħ oħrajn**

Attivitajiet bi qligħ oħrajn tal-azjenda jinkludu l-attivitajiet kollha għajr għal xogħol tal-biedja, relatati direttament mal-azjenda u li għandhom impatt ekonomiku fuq l-azjenda.

"Attivitajiet relatati direttament mal-azjenda" tfisser attivitajiet fejn ir-riżorsi tal-azjenda (żona, bini, makkinarju, eċċ.) jew il-prodotti tagħha jintużaw fl-attività. Jekk tintuża biss il-forza tax-xogħol tal-biedja (tal-familja u mhux tal-familja) u ebda riżorsa oħra tal-azjenda, il-ħaddiema jitqiesu li qed jaħdmu taħt żewġ arranġamenti separati, u dawn l-attivitajiet bi qligħ oħrajn, għaldaqstant mhumiex meqjusa li huma relatati direttament mal-azjenda.

Huwa inkluż xogħol mhux agrikolu kif ukoll xogħol agrikolu għal azjendi oħrajn.

Attivitajiet bi qligħ f'dan il-kuntest ifissru xogħol attiv; huma esklużi għalhekk l-investimenti finanzjarji puri. Hija eskluża wkoll il-kirja tal-art għal attivitajiet diversi mingħajr involviment ulterjuri f'dawn l-attivitajiet.

6.01.01 **Turiżmu, alloġġ u attivitajiet rikreattivi oħrajn**

L-attivitajiet kollha fit-turiżmu, servizzi ta' alloġġ, il-wiri tal-azjenda lil turisti jew gruppi oħrajn, sports u attivitajiet rikreattivi eċċ. fejn jintużaw l-art, il-bini jew riżorsi oħrajn tal-azjenda.

6.01.02 **Artiġjanat**

Oġġetti tal-artiġjanat manifatturati fl-azjenda mid-detentur jew il-membri tal-familja, jew minn forza tax-xogħol mhux tal-familja, sakemm dawn ikunu qed jagħmlu wkoll xogħol tal-biedja, mingħajr ma jingħata kas ta' kif jinbiegħu dawn il-prodotti.

6.01.03 **Proċessar tal-prodotti tal-biedja**

L-ipproċessar kollu ta' prodott agrikolu primarju għal prodott proċessat sekondarju fl-azjenda, mingħajr ma jingħata kas ta' jekk il-materja prima hijiex prodotta fl-azjenda jew mixtrija minn barra. Dan jinkludi l-ipproċessar tal-laħam, l-ipproċessar tal-ġobon, eċċ.

L-ipproċessar kollu ta' prodotti tal-biedja jaqa' taħt din il-partita sakemm l-ipproċessar ma jitqiesx bħala parti minn attività agrikola. L-ipproċessar tal-inbid u l-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa huma għalhekk esklużi sakemm il-proporzjon ta' nbid jew żejt taż-żebbuġa li tiddaħħal ma jkunx sinifikanti.

6.01.04 **Produzzjoni ta' enerġija li tiġġedded**

Il-produzzjoni ta' enerġija li tiġġedded għas-suq inklużi l-bijogass, il-bijofjuwils jew l-elettriku, permezz ta' turbini tar-riħ, tagħmir ieħor jew minn materja prima agrikola.

Hawnhekk, mhijiex inkluża l-enerġija li tiġġedded prodotta biss għall-użu mill-azjenda stess.

6.01.05 **Proċessar tal-injam (pereżempju serrar)**

L-ipproċessar ta' injam naturali fl-azjenda għas-suq (serrar ta' njam, eċċ.).

6.01.06 **Akkwakultura**

Il-produzzjoni ta' ħut, gambli tal-ilma ħelu eċċ. fl-azjenda. Huma esklużi attivitajiet li jinvolvu biss is-sajd.

6.01.07 **Xogħol kuntrattwali (bl-użu tal-mezzi ta' produzzjoni tal-azjenda)**

Xogħol kuntrattwali bl-użu tat-tagħmir tal-azjenda, fejn issir distinzjoni bejn ix-xogħol li huwa fi ħdan jew barra mis-settur agrikolu, pereżempju tneħħija ta' silġ, xogħol ta' ġarr, manteniment tal-pajsaġġ, servizzi agrikoli u ambjentali eċċ.

6.01.07.01 **Agrikoli (għal azjendi oħrajn)**

6.01.07.02 **Mhux agrikoli**

6.01.08 **Forestrija**

Ix-xogħol tal-forestrija bl-użu tal-forza tax-xogħol tal-biedja u l-makkinarju u t-tagħmir tal-azjenda ġeneralment użati għal skopijiet agrikoli.

6.01.99 **Oħrajn**

Attivitajiet bi qligħ oħrajn mhux imsemmija xi mkien ieħor.

6.02 **VI. (ii) L-importanza tal-attivitajiet bi qligħ l-oħrajn relatati direttament mal-azjenda**

6.02.01 **Perċentwal tal-produzzjoni finali tal-azjenda**

Sehem tal-valur tal-bejgħ ta' attivitajiet bi qligħ oħrajn (OGA) relatati direttament mal-azjenda fil-valur tal-bejgħ totali tal-azjenda (inklużi pagamenti diretti).

$$\text{PROPORZJON} = \frac{\text{Valur tal-bejgħ ta' attivitajiet bi qligħ relatati direttament mal-azjenda}}{\begin{array}{c}\text{Valur tal-bejgħ totali tal-azjenda}\\ \text{(agrikolu u OGA relatat direttament mal-azjenda) + pagamenti diretti}\end{array}}$$

VII. APPOĠĠ GĦALL-IŻVILUPP RURALI

7.01 **L-azjenda bbenefikat minn waħda mill-miżuri għall-iżvilupp rurali li ġejjin matul l-aħħar tliet snin**

Għandha tinġabar informazzjoni dwar jekk l-azjenda bbenefikatx jew le minn waħda mill-miżuri għall-iżvilupp rurali li ġejjin matul l-aħħar tliet snin skont ċerti standards u regoli stabbiliti speċifikati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 ([1]) jew, fejn applikabbli, il-leġiżlazzjoni l-aktar reċenti.

7.01.01 **Użu ta' servizzi konsultattivi**

L-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005: Użu ta' servizzi konsultattivi.

7.01.02 **Modernizzazzjoni ta' azjendi agrikoli**

L-Artikolu 26 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005: Modernizzazzjoni ta' azjendi agrikoli.

7.01.03 **Żieda fil-valur għal prodotti agrikoli u tal-forestrija**

L-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005: Żieda fil-valur għal prodotti agrikoli u tal-forestrija.

([1]) ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1.

7.01.04 **Sodisfazzjon tal-istandards ibbażati fuq leġiżlazzjoni Komunitarja**

L-Artikolu 31 tar-Regolament ill (KE) Nru 1698/2005: Sodisfazzjoni tal-istandards ibbażati fuq leġiżlazzjoni Komunitarja.

7.01.05 **Parteċipazzjoni ta' bdiewa fi skemi tal-kwalità tal-ikel**

L-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005: Parteċipazzjoni ta' bdiewa fi skemi tal-kwalità tal-ikel.

7.01.06 **Pagamenti tan-Natura 2000 għal żona agrikola**

L-Artikolu 38 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005: Pagamenti tan-Natura 2000.

7.01.07 **Pagamenti marbuta mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma**

L-Artikolu 38 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005: Pagamenti marbuta mad-Direttiva 2000/60/KE ([1]).

7.01.08 **Pagamenti agriambjentali**

L-Artikolu 39 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005: Pagamenti agriambjentali.

7.01.08.01 **mil-liema fil-qafas tal-biedja organika**

L-Artikolu 39 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005: Pagamenti agriambjentali u fejn l-azjenda tipprattika agrikoltura skont ċerti standards u regoli stabbiliti speċifikati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007.

7.01.09 **Pagamenti għal benesseri tal-annimali**

L-Artikolu 40 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005: Pagamenti għall-benesseri tal-annimali.

7.01.10 **Diversifikazzjoni f'attivitajiet mhux agrikoli**

L-Artikolu 53 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005: Diversifikazzjoni f'attivitajiet mhux agrikoli.

7.01.11 **Tħeġġiġ ta' attivitajiet turistiċi**

L-Artikolu 55 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005: Tħeġġiġ ta' attivitajiet turistiċi.

---

([1]) ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.

*ANNESS III*

**Definizzjonijiet tal-karatteristiċi li għandhom jintużaw għall-istħarriġ Komunitarju dwar metodi ta' produzzjoni agrikola**

I. METODI TA' ĦRIT

1.01 **Ħrit konvenzjonali (moħriet *mouldboard* jew moħriet forma ta' diska)**

Art li tinħarat ittrattata bi ħrit konvenzjonali li jinvolvi l-inverżjoni tal-ħamrija, normalment b'moħriet mouldboard jew forma ta' diska bħala l-operazzjoni primarja tal-ħrit, segwita minn ħrit sekondarju b'xatba għat-tixtib tar-raba' b'diski.

1.02 **Ħrit ta' konservazzjoni (ħrit baxx)**

Art li tinħarat ittrattata bi ħrit ta' konservazzjoni (baxx), li hija l-prassi ta' ħrit jew sistema ta' prassi li tħalli r-residwi tal-pjanti (mill-inqas 30 %) fuq is-superfiċje tal-ħamrija għall-kontroll tat-tgħawwir u l-konservazzjoni tat-tira, normalment billi ma tiġix invertita l-ħamrija.

1.03 **Ebda ħrit (tiżrigħ dirett)**

Art li tinħarat fejn ma jsir ebda ħrit bejn il-ħsad u t-tiżrigħ.

II. KONSERVAZZJONI TAL-ĦAMRIJA

2.01 **Għata tal-ħamrija fix-xitwa**

Il-mod kif l-art li tinħarat tiġi mgħottija bi pjanti jew residwi jew titħalla għera fix-xitwa.

2.01.01 **Kultivazzjonijiet normali tax-xitwa**

Art li tinħarat li fuqha jinżergħu kultivazzjonijiet tar-raba' fil-ħarifa u li jikbru matul ix-xitwa (kultivazzjonijiet tar-raba' normali tax-xitwa, bħal qamħ tax-xitwa), li normalment ikun maħsud jew jintuża għar-rigħi.

2.01.02 **Kultivazzjonijiet tal-għata jew uċuħ intermedjarji**

Art li tinħarat li fuqha jinżergħu pjanti speċifikament biex inaqqsu t-telf ta' ħamrija, nutrijenti u prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti matul ix-xitwa jew perjodi oħrajn meta l-art inkella tkun għerja u suxxettibbli għal telf. L-interess ekonomiku ta' dawn il-kultivazzjonijiet huwa baxx, u l-għan prinċipali huwa l-protezzjoni tal-ħamrija u n-nutrijenti.

Normalment dawn jinħartu fir-rebbiegħa qabel it-tiżrigħ ta' kultivazzjonijiet oħra, u mhumiex maħsuda jew użati għar-rigħi.

2.01.03 **Residwi tal-pjanti**

Art li tinħarat koperta mir-residwi ta' pjanti u l-qasbijiet tal-istaġun tal-kultivazzjonijiet preċedenti matul ix-xitwa. Huma esklużi l-kultivazzjonijiet intermedjarji u tal-għata.

2.01.04 **Ħamrija għerja**

Art li tinħarat jew inkella tingħażaq fil-ħarifa u ma tinżergħax jew ma titgħattix matul ix-xitwa b'residwi tal-pjanti, li tibqa' għerja sakemm isiru l-operazzjonijiet ta' qabel it-tiżrigħ jew it-tiżrigħ agro-tekniku fil-perjodu tar-rebbiegħa ta' wara.

2.02 **Newba tal-kultivazzjonijiet**

2.02.01 **Sehem taż-żona li tinħarat barra min-newba tal-kultivazzjonijiet ippjanata**

Art li tinħarat li hija kkultivata bl-istess kultivazzjonijiet għal tliet snin jew aktar konsekuttivament u li mhijiex parti min-newba tal-kultivazzjonijiet ippjanata.

In-newba tal-kultivazzjonijiet hija l-prattika tat-tinwib ta' kultivazzjonijiet annwali mkabbra f'għalqa speċifika f'mudell jew f'sekwenza ppjanata fi snin ta' ħsad konsekuttivi sabiex il-kultivazzjonijiet tar-raba' tal-istess speċi ma jitkabbrux mingħajr waqfien fl-istess għalqa. Jekk l-istess kultivazzjonijiet jitkabbru kontinwament, it-terminu monokultura jista' jintuża biex jiddeskrivi l-fenomenu.

III. KARATTERISTIĊI TAL-PAJSAĠĠ

3.01 **Elementi lineari mantnuti mill-bidwi matul l-aħħar tliet snin**

Elementi lineari huma ringieli kontinwi magħmulin mill-bniedem ta' siġar, arbuxxelli jew sġajriet, ħitan tal-ġebel, eċċ., li b'mod ġenerali jirrappreżentaw konfini ta' għalqa.

3.01.a **Sisien tal-ħaxix**

Ringieli ta' arbuxxelli jew sġajriet li jiffurmaw sies tal-ħaxix, xi kultant b'ringiela ċentrali ta' siġar.

3.01.b **Linji ta' siġar**

Lineari kontinwu ta' veġetazzjoni linjuża, li normalment jifformaw konfini ta' għelieqi fi ħdan art agrikola jew maġenb toroq jew kanali tal-ilma.

3.01.c **Ħitan tal-ġebel**

Strutturi magħmula mill-bniedem tal-brikks jew tal-ġebel, pereżempju, ġebel niexef u ħitan bil-ġir.

3.02 **Elementi lineari stabbiliti matul l-aħħar tliet snin**

3.02.a **Sisien tal-ħaxix**

3.02.b **Linji ta' siġar**

3.02.c **Ħitan tal-ġebel**

IV. RIGĦI TAL-ANNIMALI

4.01 **Rigħi fl-azjenda**

4.01.01 **Żona għar-rigħi matul is-sena ta' referenza**

Iż-żona totali ta' mergħat li jappartjenu, jinkrew jew li inkella huma allokati għall-azjenda agrikola li fuqha jinżammu annimali għar-rigħi matul is-sena ta' referenza.

4.01.02 **Ammont ta' żmien li matulu l-annimali jitħallew barra fuq il-mergħa**

In-numru ta' xhur kemm l-annimali ilhom jirgħu fuq mergħat li jappartjenu, jinkrew jew li inkella huma allokati għall-azjenda agrikola matul is-sena ta' referenza.

4.02 **Mergħat komuni**

Art komuni hija l-art li ma tappartjenix direttament għall-azjenda agrikola iżda li għaliha japplikaw drittijiet komuni. Din tista' tikkonsisti f'mergħa, art ortokulturali jew art oħra.

F'termini ġenerali, art komuni hija art agrikola użata li hija proprjetà ta' awtorità pubblika (stat, parroċċa, eċċ.) fuq liema persuna oħra hija intitolata li teżerċita drittijiet komuni, u dawn id-drittijiet ġeneralment huma eżerċitabbli flimkien ma' oħrajn.

4.02.01 **Numru totali ta' annimali li jirgħu fuq art komuni**

4.02.02 **Ammont ta' żmien matul liema annimali qed jirgħu fuq art komuni**

In-numru ta' xhur matul liema l-annimali kienu qed jirgħu fuq mergħat komuni matul is-sena ta' referenza.

V. ALLOĠĠ GĦALL-ANNIMALI

5.01 **Frat**

5.01.01 **Stalla marbuta bil-pali – b'demel solidu u b'demel likwidu**

Alloġġi għall-annimali fejn l-annimali jintrabtu mal-postijiet tagħhom u ma jitħallewx jiċċaqalqu liberament u fejn id-demel normalment jitneħħa mekkanikament barra mill-bini bħala demel solidu/demel tal-farm.

5.01.02 **Stalla marbuta bil-pali – b'tajn tad-demel**

Alloġġi għall-annimali fejn l-annimali jintrabtu mal-postijiet tagħhom u ma jitħallewx jiċċaqalqu liberament u fejn id-demel u l-awrina jaqgħu 'l isfel fl-art għal ġo fossa, fejn jifformaw tajn tad-demel.

5.01.03 **Alloġġ liberu – b'demel solidu u demel likwidu**

Alloġġi għall-annimali fejn l-annimali jitħallew jiċċaqalqu liberament u fejn id-demel normalment jitneħħa mekkanikament barra mill-bini bħala demel solidu/demel tal-farm.

5.01.04 **Alloġġ liberu – b'demel likwidu**

Alloġġi għall-annimali fejn l-annimali jitħallew jiċċaqilqu liberament u fejn id-demel u l-awrina jaqgħu 'l isfel fl-art għal ġo fossa, fejn jiffurmaw demel likwidu jew fejn jista' jitneħħa mill-passaġġi tal-konkrit u jinġabar f'tankijiet jew għadajjar artifiċjali tal-ħżin, flimkien ma' demel likwidu ddepożitat fil-btieħi ta' barra.

5.01.99 **Oħrajn**

It-tipi kollha ta' alloġġi għall-annimali li ma jaqgħux taħt id-deskrizzjonijiet ta' hawn fuq.

5.02 **Majjali**

5.02.01 **Fuq art li partijiet minnha fihom separazzjonijiet**

Alloġġi għall-annimali fejn partijiet mill-art fihom separazzjonijiet; jiġifieri parti mill-art għandha tifriq fejn id-demel u l-awrina jaqgħu 'l isfel taħt l-art għal ġo fossa, fejn jiffurmaw demel likwidu.

5.02.02 **Fuq art kollha separazzjonijiet**

Alloġġi għall-annimali fejn l-art hija kollha kemm hi b'separazzjonijiet; jiġifieri l-art għandha separazzjonijiet fejn id-demel u l-awrina jaqgħu 'l isfel taħt l-art għal ġo fossa, fejn jiffurmaw demel likwidu.

5.02.03 **Fuq sodod tat-tiben (mifrex fond-alloġġ liberu)**

Alloġġi għall-annimali fejn l-art hija miksija b'saff oħxon ta' mifrex (tiben, pit, serratura tal-injam, jew materjal simili ieħor li jgħaqqad id-demel u l-awrina) li jitneħħa biss f'intervalli li jista' jkun hemm bosta xhur bejniethom.

5.02.99 **Oħrajn**

It-tipi kollha ta' alloġġi għall-annimali li ma jaqgħux taħt id-deskrizzjonijiet ta' hawn fuq.

5.03 **Tiġieġ li jbidu**

5.03.01 **Fuq sodod tat-tiben (mifrex fond-alloġġ liberu)**

Alloġġ fejn l-art hija miksija b'saff oħxon ta' mifrex (tiben, pit, serratura tal-injam, jew materjal ieħor simili li jgħaqqad id-demel) li jitneħħa biss f'intervalli li jista' jkun hemm bosta xhur bejniethom.

5.03.02 **Gaġeġ tat-tiġieġ (it-tipi kollha)**

Alloġġ fejn it-tiġieġ li jbid jinżamm f'gaġeġ, b'tiġieġa waħda jew aktar f'kull gaġġa.

5.03.02.01 **Gaġeġ tat-tiġieġ b'ċinturin tad-demel**

Gaġeġ tat-tiġieġ fejn id-demel jitneħħa mekkanikament minn ċinturin taħt il-gaġeġ għal barra mill-bini biex jifforma demel solidu/demel tal-btieħi tal-farm.

5.03.02.02 **Gaġeġ tat-tiġieġ b'fossa fonda**

Gaġeġ tat-tiġieġ fejn id-demel jaqa' għal ġo fossa fonda taħt il-gaġeġ fejn jifforma demel likwidu.

5.03.02.03 **Gaġeġ tat-tiġieġ b'alloġġ fuq pilastri**

Gaġeġ tat-tiġieġ fejn id-demel jaqa' fl-art taħt il-gaġeġ fejn jifforma demel solidu/demel tal-farm u jitneħħa mekkanikament regolarment.

5.03.99 **Oħrajn**

It-tipi kollha ta' alloġġ li ma jaqgħux taħt id-deskrizzjonijiet ta' hawn fuq.

VI. APPLIKAZZJONI TAD-DEMEL

6.01 **Żona agrikola użata li fuqha jiġi applikat demel solidu/tal-farm**

6.01.01 **Total**

Iż-żona agrikola użata totali tal-azjenda li fuqha ġie applikat demel solidu/tal-farm fis-sena ta' referenza.

6.01.02 **B'inkorporazzjoni immedjata**

Iż-żona agrikola użata tal-azjenda li fuqha d-demel applikat ġie inkorporat mekkanikament fil-ħamrija bl-użu ta' tekniki li jippermettu li jiġi inkorporat immedjatament.

6.02 **Żona agrikola użata li fuqha jiġi applikat demel likwidu**

6.02.01 **Total**

Iż-żona agrikola użata totali tal-azjenda li fuqha jiġi applikat id-demel likwidu fis-sena ta' referenza.

6.02.02 **B'inkorporazzjoni immedjata jew injezzjoni**

Iż-żona agrikola użata totali tal-azjenda li fuqha d-demel likwidu applikat ġie inkorporat mekkanikament ġol-ħamrija b'użu ta' tekniki li jippermettu li dan ikun inkorporat immedjatament jew ġo liema d-demel likwidu ġie injettat direttament matul l-applikazzjoni tiegħu.

6.03 **Perċentwal tad-demel totali prodott esportat mill-azjenda**

L-ammont ta' demel u demel likwidu mibjugħ, jew inkella mneħħi mill-azjenda, stmat bħala perċentwal tal-ammont totali ta' demel u demel likwidu prodott fl-azjenda fis-sena ta' referenza.

VII. FAĊILITAJIET GĦALL-ĦAŻNA U T-TRATTAMENT TAD-DEMEL

7.01 **Faċilitajiet għall-ħażna għal:**

7.01.01 **Demel solidu**

Faċilitajiet għall-ħażna ta' demel solidu fuq superfiċje impermeabbli bi trażżin għaż-żejjed, b'saqaf jew mingħajru.

Demel solidu huwa l-ħmieġ (b'mifrex jew mingħajru) ta' annimali domestiċi, li possibbilment jinkludi ammont żgħir ta' awrina.

7.01.02 **Demel tar-raba' likwidu**

Tank li ma jgħaddix ilma minnu, miftuħ jew mgħotti, jew għadira artifiċjali miksija għall-ħażna ta' demel likwidu.

Demel tar-raba' likwidu huwa awrina minn annimali domestiċi, li possibbilment jinkludi ammont żgħir ta' ħmieġ u/jew ilma.

7.01.03 **Demel likwidu**

Tank li ma jgħaddix ilma minnu, miftuħ jew mgħotti, jew għadira artifiċjali miksija għall-ħażna ta' demel likwidu.

Demel likwidu huwa demel f'għamla likwida, jiġifieri taħlita ta' ħmieġ u awrina ta' annimali domestiċi, li possibbilment jinkludi ilma u/jew ammont żgħir ta' mifrex.

7.01.03.01 **Tank għad-demel likwidu**

Tank, normalment magħmul minn materjal impermeabbli, użat għall-ħażna tad-demel likwidu.

7.01.03.02 **Għadira artifiċjali**

Fossa mħaffra fil-ħamrija, normalment miksija, użata għall-ħażna tad-demel likwidu.

7.02 **Il-faċilitajiet għall-ħażna huma kollha mgħottija?**

Il-faċilitajiet għall-ħażna tad-demel huma koperti b'tali mod (pereżempju għatu tal-konkrit, tinda, tarpolin, eċċ.) li jkunu protetti mix-xita jew preċipitazzjoni oħra u jistgħu jnaqqsu l-emissjonijiet tal-ammonja.

**Demel solidu**

**Demel tar-raba' likwidu**

**Demel likwidu**

VIII. TISQIJA

8.01 **Żona li tissaqqa**

8.01.01 **Żona medja li ssaqqiet tul l-aħħar tliet snin**

Iż-żona agrikola użata kollha tal-azjenda li ssaqqiet matul l-aħħar tliet snin, inkluża s-sena ta' referenza.

| | | |
|---|---|---|
| 8.01.02 | **Żona kkultivata totali li ssaqqiet mill-inqas darba waħda matul l-aħħar 12-il xahar** | |
| | Żona ta' uċuħ tar-raba' li attwalment issaqqew mill-inqas darba waħda matul it-12-il xahar ta' qabel il-jum ta' referenza tal-istħarriġ, biex jitqassmu skont il-kategoriji tal-kultivazzjonijiet. | |
| | *Il-kultivazzjonijiet huma definiti fit-Taqsima II. Art.* | |
| 8.01.02.01 | | Ċereali għall-produzzjoni tal-qamħ (biż-żerriegħa) (esklużi l-qamħirrun u r-ross) |
| 8.01.02.02 | | Qamħirrun (qamħ u aħdar) |
| 8.01.02.03 | | Ross |
| 8.01.02.04 | | Legumi mnixxfa u kultivazzjonijiet tal-proteini għall-produzzjoni tal-qamħ (biż-żerriegħa u taħlitiet ta' ċereali u legumi) |
| 8.01.02.05 | | Patata (inkluża patata bikrija u patata biż-żerriegħa) |
| 8.01.02.06 | | Pitravi zokkrija (mingħajr żerriegħa) |
| 8.01.02.07 | | Lift u lift tan-nevew |
| 8.01.02.08 | | Ġirasol |
| 8.01.02.09 | | Kultivazzjonijiet tal-ħjut (kittien, qanneb, kultivazzjonijiet tal-ħjut oħrajn) |
| 8.01.02.10 | | Ħxejjex friski, bettieħ u frawli – għalqa miftuħa |
| 8.01.02.11 | | Ħaxix temporanju u art għall-mergħa permanenti |
| 8.01.02.12 | | Kultivazzjonijiet oħrajn fuq art li tinħarat |
| 8.01.02.13 | | Pjantaġġuni tal-frott u l-frott tal-bosk |
| 8.01.02.14 | | Pjantaġġuni taċ-ċitru |
| 8.01.02.15 | | Pjantaġġuni taż-żebbuġ |
| 8.01.02.16 | | Vinji |
| 8.02 | **Metodi użati għat-tisqija** | |
| 8.02.01 | **Tisqija tas-superfiċje (għargħar, raded)** | |
| | Tmexxija tal-ilma matul l-art, permezz tal-għargħar taż-żona sħiħa jew tmexxija tal-ilma matul raded żgħar bejn ir-ringieli tal-kultivazzjonijiet, bl-użu tal-gravità bħala saħħa. | |
| 8.02.02 | **Tisqija bit-tbexxix** | |
| | It-tisqija tal-pjanti bit-tmexxija tal-ilma taħt pressjoni għolja bħal xita fuq il-pakketti tal-art. | |
| 8.02.03 | **Tisqija bit-taqtir** | |
| | It-tisqija tal-pjanti billi l-ilma jitqiegħed fil-baxx ħdejn il-pjanti qatra qatra jew b'mikrobexxiexi jew fl-iffurmar ta' kundizzjonijiet li huma bħal ċpar. | |
| 8.03 | **Sors tal-ilma tat-tisqija użat fl-azjenda** | |
| | Is-sors tal-ilma tat-tisqija kollu jew il-biċċa l-kbira minnu użat fl-azjenda. | |
| 8.03.01 | **Ilma ta' taħt l-art li jinsab fuq il-farm** | |
| | Sorsi tal-ilma, li jinsabu fi jew viċin l-azjenda, li jużaw ilma ppompjat minn bjar imħaffra jew minn nixxiegħat naturali tal-ilma ta' taħt l-art li jiġru liberi jew simili. | |
| 8.03.02 | **Ilma tas-superfiċje li jinsab fuq il-farm (għadajjar jew digi)** | |
| | Għadajjar żgħar naturali jew digi artifiċjali, li jinsabu fit-totalità tagħhom fl-azjenda jew jintużaw minn azjenda waħda biss. | |

8.03.03 **Ilma tas-superfiċje barra mill-farm minn lagi, xmajjar jew kanali tal-ilma**

Ilmijiet friski tas-superfiċje (lagi, xmajjar, kanali tal-ilma oħrajn), li ma nħolqux b'mod artifiċjali għal skopijiet ta' tisqija.

8.03.04 **Ilma barra mill-farm minn netwerks komuni tal-provvista tal-ilma**

Sorsi tal-ilma minn barra l-azjenda, għajr għal dawk imsemmija fi "Ilma tas-superfiċje barra mir-razzett minn lagi, xmajjar jew kanali tal-ilma", li huma aċċessibbli għal mill-inqas żewġ azjendi. Normalment titħallas tariffa għal aċċess għal dawn is-sorsi.

8.03.99. **Sorsi oħrajn**

Sorsi oħrajn ta' ilma tat-tisqija, mhux imsemmija xi mkien ieħor. Dawn jistgħu jkunu sorsi b'ammont qawwi ta' melħ bħall-Atlantiku jew il-Mediterran, f'liema każ jiġi ttrattat biex titnaqqas il-konċentrazzjoni tal-melħ (iddesalinat) qabel l-użu, jew minn sorsi tal-ilma salmastru (kontenut mielaħ baxx) bħall-Baħar Baltiku u ċerti xmajjar, f'liema każ ikun possibbli li jintuża direttament, mingħajr trattament. Jista' jkun li l-ilma jkun għadda wkoll minn trattament tad-drenaġġ u jitwassal lill-utent bħala ilma tad-drenaġġ irreklamat.

8.04 **Volum ta' ilma użat għat-tisqija fis-sena**

Il-volum tal-ilma li ntuża għat-tisqija fl-azjenda matul it-12-il xahar ta' qabel id-data ta' referenza tal-istħarriġ, mingħajr ma jingħata kas tas-sors.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1201/2009

## tat-30 ta' Novembru 2009

## li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 763/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-suġġetti u tal-kategorizzazzjonijiet tagħhom

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 763/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex jiġi żgurat li dejta miċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar li saru fl-Istati Membri jkunu komparabbli, u biex jingħata lok għal studji kredibbli fil-Komunità kollha, is-suġġetti taċ-ċensimenti għandhom ikunu definiti u kategorizzati bl-istess mod fl-Istati Membri kollha kif stipulat mir-Regolament (KE) Nru 763/2008. Ir-Regolament (KE) Nru 763/2008 għaldaqstant jeħtieġ li l-Kummissjoni Ewropea tadotta speċifikazzjonijiet tekniċi għal dawn is-suġġetti u għall-kategorizzazzjonijiet tagħhom.

(2) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tas-Sistema tal-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għas-suġġetti taċ-ċensiment u l-kategorizzazzjonijiet tagħhom meħtieġa biex jimplimentaw ir-Regolament (KE) Nru 763/2008. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, li għandhom jiġu applikati mad-dejta li għandha tintbagħat lill-Kummissjoni Ewropea għas-sena ta' riferenza 2011, huma mniżżla fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Joaquín ALMUNIA
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 218, 13.8.2008, p. 14.

*ANNESS*

**Speċifikazzjonijiet tekniċi tas-suġġetti taċ-ċensiment u l-kategorizzazzjonijiet tagħhom**

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi huma ppreżentati kif ġej:

— Kull suġġett huwa identifikat minn intestatura.

— L-intestatura tas-suġġett tista' tkun segwita minn speċifikazzjonijiet tekniċi li jirreferu għas-suġġett in ġenerali.

— Minn hemm 'il quddiem, il-kategorizzazzjoni/jiet għas-suġġett hija/huma speċifikata/i. Ftit mis-suġġetti għandhom aktar minn kategorizzazzjoni waħda, kull waħda b'livelli differenti ta' dettall. Fejn dan hu l-każ, "H" tidentifika kategorizzazzjonijiet bl-aktar livell għoli ta' dettall, "M" tidentifika kategorizzazzjonijiet b'livell medju ta' dettall, u "L" tidentifika kategorizzazzjonijiet bl-inqas livell ta' dettall.

— It-totali li japplikaw għalihom il-kategorizzazzjonijiet huma identifikati. Kull kategorizzazzjoni tista' tkun segwita minn aktar speċifikazzjonijiet tekniċi li għandhom x'jaqsmu speċifikament ma' dik il-kategorizzazzjoni.

Id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 763/2008 japplikaw ukoll għal dan ir-Regolament.

**Suġġett: Il-post tar-residenza tas-soltu**

Fl-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' "residenza tas-soltu" li tinsab fl-Artikolu 2(d) tar-Regolament (KE) Nru 763/2008, l-Istati Membri għandhom jittrattaw każijiet speċjali kif ġej:

(a) Fejn persuna tgħix regolarment f'aktar minn residenza waħda matul is-sena, ir-residenza fejn hu/hi jqatta'/tqatta' l-aktar żmien fis-sena għandha titqies bħala l-post ta' residenza tas-soltu tiegħu/tagħha irrelevanti minn jekk din tinsabx x'imkien ieħor fil-pajjiż jew barra mill-pajjiż. Madankollu, persuna li taħdem 'il bogħod mid-dar matul il-ġimgħa u tirritorna lejn id-dar tal-familja fi tmiem il-ġimgħa għandha tikkunsidra lid-dar tal-familja bħala l-post ta' residenza tas-soltu tagħha irrelevanti minn jekk il-post tax-xogħol tagħha jinsabx x'imkien ieħor fil-pajjiż jew barra mill-pajjiż.

(b) It-tfal tal-iskola primarja u sekondarja u l-istudenti li qegħdin 'il bogħod mid-dar matul iż-żmien tal-skola għandhom jikkunsidraw id-dar tal-familja tagħhom li tkun il-post tar-residenza tas-soltu tagħhom irrelevanti minn jekk humiex qegħdin ikomplu l-edukazzjoni tagħhom x'imkien ieħor fil-pajjiż jew barra mill-pajjiż.

(c) Studenti terzjarji li qegħdin 'il bogħod mid-dar waqt li jkunu fil-kulleġġ jew fl-università għandhom jikkunsidraw l-indirizz tagħhom għal dak iż-żmien li jkun il-post tar-residenza tas-soltu tagħhom irrelevanti minn jekk dan huwiex istituzzjoni (bħal skejjel li joffru faċilitajiet ta' akkomodazzjoni għal għixien fihom) jew residenza privata u irrelevanti minn jekk humiex jistudjaw x'imkien ieħor fil-pajjiż jew barra mill-pajjiż. F'każijiet eċċezzjonali, fejn il-post tal-edukazzjoni huwa fil-pajjiż, il-post tar-residenza tas-soltu jista' jiġi kkunsidrat li tkun id-dar tal-familja.

(d) Istituzzjoni għandha tiġi kkunsidrata bħala l-post ta' residenza tas-soltu għar-residenti tagħha kollha li fiż-żmien taċ-ċensiment qattgħu, jew x'aktarx li jqattgħu, 12-il xahar jew aktar jgħixu hemm.

(e) Ir-regola ġenerali fir-rigward ta' fejn jitqatta' l-biċċa l-kbira tal-perjodu ta' mistrieħ ta' kuljum tapplika għal persuni li qed jagħmlu xi servizz militari b'mod obbligatorju u għal membri tal-forzi armati li jgħixu fil-kwartieri militari jew fil-kampijiet.

(f) Il-post tal-enumerazzjoni għandu jitqies bħala l-post tar-residenza tas-soltu ta' nies bla dar jew bla saqaf, nomadi, vagabondi u persuni li ma għandhom l-ebda kunċett ta' residenza tas-soltu;

(g) Tifel/tifla li jalterna/talterna bejn żewġ postijiet ta' residenza (jekk pereżempju il-ġenituri tiegħu/tagħha huma ddivorzjati) għandu/għandha jikkunsidra/tikkunsidra l-post fejn iqatta'/tqatta' l-maġġoranza tal-ħin bħala l-post ta' residenza tas-soltu tiegħu/tagħha. Fejn l-ammont ta' żmien mqatta' maż-żewġ ġenituri huwa l-istess il-post tar-residenza tas-soltu għandu jkun il-post ta' fejn it-tifel/tifla jinsab/tinsab matul il-lejl taċ-ċensiment.

Fuq il-bażi tad-definizzjoni tal-post ta' residenza tas-soltu, persuni li normalment huma residenti fil-post ta' enumerazzjoni iżda huma assenti, jew mistennija li jkunu assenti, għal anqas minn sena meta jsir iċ-ċensiment għandhom jiġu kkunsidrati bħala persuni li huma temporanjament assenti u għaldaqstant għandhom ikunu inklużi fit-total tal-popolazzjoni. B'kuntrast ma' dan, persuni li jgħixu jew mistennija li jgħixu barra mill-post ta' enumerazzjoni għal sena jew aktar ma għandhomx ikunu kkunsidrati bħala temporanjament assenti u għaldaqstant għandhom ikunu esklużi mit-total tal-popolazzjoni. Dan huwa irrelevanti mit-tul taż-żjarat li jistgħu minn żmien għal żmien jagħmlu lill-familji tagħhom.

Persuni li huma enumerati iżda ma jissodisfawx il-kriterji għal residenza tas-soltu fil-post ta' enumerazzjoni, jiġifieri ma jgħixux jew mhux mistennija li jgħixu fil-post ta' enumerazzjoni għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 12-il xahar, huma kkunsidrati bħala temporanjament preżenti u għaldaqstant m'humiex meqjusa fl-għadd tal-popolazzjoni totali tar-residenti tas-soltu.

| Żona ġeografika ([1]) | | | | | GEO.N. | GEO.L. | GEO.M. | GEO.H. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 0. | Total (fit-territorju tal-Istat Membru) | | | | 0. | 0. | 0. | 0. |
| x. | Ir-reġjuni kollha tan-NUTS 1 fl-Istat Membru | | | | | x. | x. | x. |
| | x.x. | Ir-reġjuni kollha tan-NUTS 2 fl-Istat Membru | | | | x.x. | x.x. | x.x. |
| | | x.x.x. | Ir-reġjuni kollha tan-NUTS 3 fl-Istat Membru | | | | x.x.x. | x.x.x. |
| | | | x.x.x.x. | Ir-reġjuni kollha tal-LAU 2 fl-Istat Membru | | | | x.x.x.x. |

([1]) Il-kodiċi "x.", "x.x." u "x.x.x." jiddependu fuq il-klassifikazzjoni tan-NUTS, il-kodiċi "x.x.x.x." jiddependi fuq il-klassifikazzjoni tal-LAU validu għall-Istat Membru fl-1 ta' Jannar 2011. L-annotazzjoni "N" tidentifika l-kategorizzazzjoni li tirreferi għal-livell nazzjonali.

Il-kategorizzazzjonijiet ta' "Żona ġeografika" huma maħsuba biex jikkategorizzaw kwalunkwe total jew total parzjali li jirreferi għal persuni (Post ta' residenza tas-soltu). Jistgħu jintużaw ukoll biex jikkategorizzaw b'mod reġjonali kwalunkwe total li għalih la s-suġġett "Post ta' residenza tas-soltu" u lanqas "Lok tal-post tax-xogħol" ma japplikaw.

Għal kategorizzazzjonijiet ta' "Żona ġeografika" se jintużaw il-verżjonijiet tal-klassifikazzjoni ta' unitajiet territorjali għall-istatistiċi (NUTS) u tal-klassifikazzjoni għall-Unitajiet Amministrattivi Lokali (LAU) validi fl-1 ta' Jannar 2011.

**Suġġett: Lok tal-post tax-xogħol**

Il-lok tal-post tax-xogħol huwa ż-żona ġeografika fejn persuna li tinsab impjegata fil-preżent tagħmel ix-xogħol tagħha.

Il-post tax-xogħol ta' dawk li l-aktar jaħdmu fid-dar huwa l-istess bħar-residenza tas-soltu tagħhom. It-terminu "taħdem" jirreferi għal xogħol li qed isir minn "persuna impjegata" kif iddefinit mis-suġġett "Stat ta' attività fil-preżent". "L-aktar" li taħdem id-dar tfisser li l-persuna tqatta' l-ħin kollu jew ħafna minnu taħdem id-dar, u inqas żmien, jew xejn, f'post tax-xogħol li mhux id-dar.

| Lok tal-post tax-xogħol ([1]) | | | LPW.N. | LPW.L. |
|---|---|---|---|---|
| 0. | Total | | 0. | 0. |
| 1. | Fit-territorju tal-Istat Membru | | 1. | 1. |
| | 1.x. | Ir-reġjuni kollha tan-NUTS 1 fl-Istat Membru | | 1.x. |
| | 1.x.x. | Ir-reġjuni kollha tan-NUTS 2 fl-Istat Membru | | 1.x.x. |
| 2. | Mhux fit-territorju tal-Istat Membru | | 2. | 2. |
| 3. | Mhux applikabbli (ma taħdimx) | | 3. | 3. |

([1]) Il-kodiċi "1.x.", u "1.x.x." jiddependu fuq il-klassifikazzjoni tan-NUTS valida għall-Istat Membru fl-1 ta' Jannar 2011. L-annotazzjoni "N" tidentifika l-kategorizzazzjoni li tirreferi għal-livell nazzjonali.

Il-kategorizzazzjonijiet ta' "Lok tal-post tax-xogħol" huma maħsuba biex jikkategorizzaw kwalunkwe total jew total parzjali li jirreferi għal persuni.

Għall-kategorizzazzjonijiet ta' "Lok tal-post tax-xogħol" se tintuża l-verżjoni tal-klassifikazzjoni ta' unitajiet territorjali għall-istatistiċi (NUTS) valida fl-1 ta' Jannar 2011.

**Suġġett: Lokalità**

Lokalità hija ddefinita bħala raggruppament ta' popolazzjoni distinta, li hija żona ddefinita minn popolazzjoni f'bini tal-avviċinat jew li jmiss ma' xulxin. Bini bħal dan jista' jew:

(a) jifforma żona mibnija kontinwament b'formazzjoni ta' triq li faċilment tintgħaraf; jew

(b) għalkemm mhux parti minn żona mibnija bħal din, jinkludi grupp ta' bini li miegħu jitwaħħal b'mod uniku isem ta' post li jkun magħruf lokalment; jew

(c) għalkemm ma jissodisfa l-ebda waħda miż-żewġ kriterji ta' hawn fuq, jikkostitwixxi grupp ta' bini, li l-ebda wieħed minnhom ma jkun separat mill-ġar l-aktar qrib tiegħu b'aktar minn 200 metru.

Fl-applikazzjoni ta' din id-definizzjoni, ċerti kategoriji tal-użu tal-art ma għandhomx jitqiesu li qed itellfu l-kontinwità taż-żona mibnija. Dawn il-kategoriji jinkludu: bini u faċilitajiet industrijali u kummerċjali, ġonna pubbliċi, grawnds tal-logħob u ġonna, għelieqi fejn jintlagħab il-futbol u faċilitajiet oħra tal-isports, xmajjar li fihom pont, linji tal-ferrovija, kanali, postijiet tal-parkeġġ u infrastruttura oħra tat-trasport, zuntieri tal-knejjes u ċimiterji.

Reġjuni LAU 2 b'popolazzjoni totali ta' inqas minn 2 000 jistgħu jiġu preżunti li jkunu lokalità waħda.

Abitanti ta' lokalità huma ddefiniti bħala persuni li għandhom ir-residenza tas-soltu tagħhom f'dik il-lokalità.

Bini mxerred għandu jiġi allokat fil-kategorija li tirrappreżenta n-numru ta' persuni li għandhom ir-residenza tas-soltu tagħhom fil-bini.

| Daqs tal-lokalità | | LOK. |
|---|---|---|
| 0. | Total | 0. |
| 1. | 1 000 000 abitant jew aktar | 1. |
| 2. | 500 000 - 999 999 abitant | 2. |
| 3. | 200 000 – 499 999 abitant | 3. |
| 4. | 100 000 – 199 999 abitant | 4. |
| 5. | 50 000 – 99 999 abitant | 5. |
| 6. | 20 000 – 49 999 abitant | 6. |
| 7. | 10 000 19 999 abitant | 7. |
| 8. | 5 000 – 9 999 abitant | 8. |
| 9. | 2 000 – 4 999 abitant | 9. |
| 10. | 1 000 – 1 999 abitant | 10. |
| 11. | 500 – 999 abitant | 11. |
| 12. | 200 – 499 abitant | 12. |
| 13. | inqas minn 200 abitant | 13. |

Il-kategorizzazzjoni "Daqs tal-lokalità" hija maħsuba biex tikkategorizza kwalunkwe total jew total parzjali ta' unitajiet li jistgħu jinsabu fil-"lokalitajiet", inkluż kwalunkwe total jew total parzjali li jirreferi għal persuni.

**Suġġett: Sess**

| Sess | | SESS. |
|---|---|---|
| 0. | Total | 0. |
| 1. | Maskili | 1. |
| 2. | Femminili | 2. |

Il-kategorizzazzjoni "Sess" hija maħsuba biex tikkategorizza kwalunkwe total jew total parzjali li jirreferi għal persuni.

**Suġġett: Età**

Għandha tiġi rrappurtata l-età li wieħed għalaq sad-data ta' riferenza (l-età fi snin kompjuti).

| Età | | | | ETÀ.L. | ETÀ.M. | ETÀ.H. |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 0. | Total | | | 0. | 0. | 0. |
| 1. | taħt il-15-il sena | | | 1. | 1. | 1. |
| | 1.1. | taħt il-ħames snin | | | 1.1. | 1.1. |
| | | 1.1.1 | taħt is-sena | | | 1.1.1 |
| | | 1.1.2. | sena | | | 1.1.2. |
| | | 1.1.3. | sentejn | | | 1.1.3. |
| | | 1.1.4. | tliet snin | | | 1.1.4. |
| | | 1.1.5. | erba' snin | | | 1.1.5. |
| | 1.2. | ħames sa disa' snin | | | 1.2. | 1.2. |

| Età | | | | ETÀ.L. | ETÀ.M. | ETÀ.H. |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 1.2.1. | ħames snin | | | 1.2.1. |
| | | 1.2.2. | sitt snin | | | 1.2.2. |
| | | 1.2.3. | seba’ snin | | | 1.2.3. |
| | | 1.2.4. | tmien snin | | | 1.2.4. |
| | | 1.2.5. | disa’ snin | | | 1.2.5. |
| | 1.3. | għaxra sa 14-il sena | | | 1.3. | 1.3. |
| | | 1.3.1. | 10 snin | | | 1.3.1. |
| | | 1.3.2. | 11-il sena | | | 1.3.2. |
| | | 1.3.3. | 12-il sena | | | 1.3.3. |
| | | 1.3.4. | 13-il sena | | | 1.3.4. |
| | | 1.3.5. | 14-il sena | | | 1.3.5. |
| 2. | 15 sa 29 sena | | | 2. | 2. | 2. |
| | 2.1. | 15 sa 19-il sena | | | 2.1. | 2.1. |
| | | 2.1.1. | 15-il sena | | | 2.1.1. |
| | | 2.1.2. | 16-il sena | | | 2.1.2. |
| | | 2.1.3. | 17-il sena | | | 2.1.3. |
| | | 2.1.4. | 18-il sena | | | 2.1.4. |
| | | 2.1.5. | 19-il sena | | | 2.1.5. |
| | 2.2. | 20 sa 24 sena | | | 2.2. | 2.2. |
| | | 2.2.1. | 20 sena | | | 2.2.1. |
| | | 2.2.2. | 21 sena | | | 2.2.2. |
| | | 2.2.3. | 22 sena | | | 2.2.3. |
| | | 2.2.4. | 23 sena | | | 2.2.4. |
| | | 2.2.5. | 24 sena | | | 2.2.5. |
| | 2.3. | 25 sa 29 sena | | | 2.3. | 2.3. |
| | | 2.3.1. | 25 sena | | | 2.3.1. |
| | | 2.3.2. | 26 sena | | | 2.3.2. |
| | | 2.3.3. | 27 sena | | | 2.3.3. |
| | | 2.3.4. | 28 sena | | | 2.3.4. |
| | | 2.3.5. | 29 sena | | | 2.3.5. |
| 3. | 30 sa 49 sena | | | 3. | 3. | 3. |
| | 3.1. | 30 sa 34 sena | | | 3.1. | 3.1. |
| | | 3.1.1. | 30 sena | | | 3.1.1. |
| | | 3.1.2. | 31 sena | | | 3.1.2. |
| | | 3.1.3. | 32 sena | | | 3.1.3. |
| | | 3.1.4. | 33 sena | | | 3.1.4. |
| | | 3.1.5. | 34 sena | | | 3.1.5. |
| | 3.2. | 35 sa 39 sena | | | 3.2. | 3.2. |
| | | 3.2.1. | 35 sena | | | 3.2.1. |
| | | 3.2.2. | 36 sena | | | 3.2.2. |
| | | 3.2.3. | 37 sena | | | 3.2.3. |
| | | 3.2.4. | 38 sena | | | 3.2.4. |
| | | 3.2.5. | 39 sena | | | 3.2.5. |
| | 3.3. | 40 sa 44 sena | | | 3.3. | 3.3. |
| | | 3.3.1. | 40 sena | | | 3.3.1. |

| Età | | | | ETÀ.L. | ETÀ.M. | ETÀ.H. |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 3.3.2. | 41 sena | | | 3.3.2. |
| | | 3.3.3. | 42 sena | | | 3.3.3. |
| | | 3.3.4. | 43 sena | | | 3.3.4. |
| | | 3.3.5. | 44 sena | | | 3.3.5. |
| | 3.4. | 45 sa 49 sena | | | 3.4. | 3.4. |
| | | 3.4.1. | 45 sena | | | 3.4.1. |
| | | 3.4.2. | 46 sena | | | 3.4.2. |
| | | 3.4.3. | 47 sena | | | 3.4.3. |
| | | 3.4.4. | 48 sena | | | 3.4.4. |
| | | 3.4.5. | 49 sena | | | 3.4.5. |
| 4. | 50 sa 64 sena | | | 4. | 4. | 4. |
| | 4.1. | 50 sa 54 sena | | | 4.1. | 4.1. |
| | | 4.1.1. | 50 sena | | | 4.1.1. |
| | | 4.1.2. | 51 sena | | | 4.1.2. |
| | | 4.1.3. | 52 sena | | | 4.1.3. |
| | | 4.1.4. | 53 sena | | | 4.1.4. |
| | | 4.1.5. | 54 sena | | | 4.1.5. |
| | 4.2. | 55 sa 59 sena | | | 4.2. | 4.2. |
| | | 4.2.1. | 55 sena | | | 4.2.1. |
| | | 4.2.2. | 56 sena | | | 4.2.2. |
| | | 4.2.3. | 57 sena | | | 4.2.3. |
| | | 4.2.4. | 58 sena | | | 4.2.4. |
| | | 4.2.5. | 59 sena | | | 4.2.5. |
| | 4.3. | 60 sa 64 sena | | | 4.3. | 4.3. |
| | | 4.3.1. | 60 sena | | | 4.3.1. |
| | | 4.3.2. | 61 sena | | | 4.3.2. |
| | | 4.3.3. | 62 sena | | | 4.3.3. |
| | | 4.3.4. | 63 sena | | | 4.3.4. |
| | | 4.3.5. | 64 sena | | | 4.3.5. |
| 5. | 65 sa 84 sena | | | 5. | 5. | 5. |
| | 5.1. | 65 sa 69 sena | | | 5.1. | 5.1. |
| | | 5.1.1. | 65 sena | | | 5.1.1. |
| | | 5.1.2. | 66 sena | | | 5.1.2. |
| | | 5.1.3. | 67 sena | | | 5.1.3. |
| | | 5.1.4. | 68 sena | | | 5.1.4. |
| | | 5.1.5. | 69 sena | | | 5.1.5. |
| | 5.2. | 70 sa 74 sena | | | 5.2. | 5.2. |
| | | 5.2.1. | 70 sena | | | 5.2.1. |
| | | 5.2.2. | 71 sena | | | 5.2.2. |
| | | 5.2.3. | 72 sena | | | 5.2.3. |
| | | 5.2.4. | 73 sena | | | 5.2.4. |
| | | 5.2.5. | 74 sena | | | 5.2.5. |
| | 5.3. | 75 sa 79 sena | | | 5.3. | 5.3. |
| | | 5.3.1. | 75 sena | | | 5.3.1. |
| | | 5.3.2. | 76 sena | | | 5.3.2. |

| Età | | | | ETÀ.L. | ETÀ.M. | ETÀ.H. |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 5.3.3. | 77 sena | | | 5.3.3. |
| | | 5.3.4. | 78 sena | | | 5.3.4. |
| | | 5.3.5. | 79 sena | | | 5.3.5. |
| | 5.4. | 80 sa 84 sena | | | 5.4. | 5.4. |
| | | 5.4.1. | 80 sena | | | 5.4.1. |
| | | 5.4.2. | 81 sena | | | 5.4.2. |
| | | 5.4.3. | 82 sena | | | 5.4.3. |
| | | 5.4.4. | 83 sena | | | 5.4.4. |
| | | 5.4.5. | 84 sena | | | 5.4.5. |
| 6. | 85 sena u aktar | | | 6. | 6. | 6. |
| | 6.1. | 85 sa 89 sena | | | 6.1. | 6.1. |
| | | 6.1.1. | 85 sena | | | 6.1.1. |
| | | 6.1.2. | 86 sena | | | 6.1.2. |
| | | 6.1.3. | 87 sena | | | 6.1.3. |
| | | 6.1.4. | 88 sena | | | 6.1.4. |
| | | 6.1.5. | 89 sena | | | 6.1.5. |
| | 6.2. | 90 sa 94 sena | | | 6.2. | 6.2. |
| | | 6.2.1. | 90 sena | | | 6.2.1. |
| | | 6.2.2. | 91 sena | | | 6.2.2. |
| | | 6.2.3. | 92 sena | | | 6.2.3. |
| | | 6.2.4. | 93 sena | | | 6.2.4. |
| | | 6.2.5. | 94 sena | | | 6.2.5. |
| | 6.3. | 95 sa 99 sena | | | 6.3. | 6.3. |
| | | 6.3.1. | 95 sena | | | 6.3.1. |
| | | 6.3.2. | 96 sena | | | 6.3.2. |
| | | 6.3.3. | 97 sena | | | 6.3.3. |
| | | 6.3.4. | 98 sena | | | 6.3.4. |
| | | 6.3.5. | 99 sena | | | 6.3.5. |
| | 6.4. | 100 sena u aktar | | | 6.4. | 6.4. |

Il-kategorizzazzjonijiet tas-"Sess" huma maħsuba biex jikkategorizzaw kwalunkwe total jew total parzjali li jirreferi għal persuni.

**Suġġett: Stat ċivili legali**

Status ċivili huwa ddefinit bħala l-istat konjugali (legali) ta' individwu fir-rigward tar-regoli (jew użanzi) taż-żwieġ tal-pajjiż (jiġifieri l-istat *de jure*).

Persuna għandha tiġi kklassifikata skont l-istat ċivili tagħha li nkiseb l-aktar riċenti fid-data tar-riferenza.

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw dejta fuq sħubijiet irreġistrati jekk huma għandhom xi qafas legali li jirregola l-isħubijiet li:

(a) jwasslu għal obbligi konjugali legali bejn żewġ persuni, u

(b) m'humiex żwiġijiet, u

(c) jeskludu persuna li hi miżżewġa jew li għandha obbligi legali li jirriżultaw minn tali sħubija fil-preżent milli, fl-istess żmien, tikkommetti lilha nnifisha għal kwalunkwe obbligu legali li jirriżulta minn żwieġ ġdid jew tali sħubija oħra ma' persuna differenti.

| | Stat ċivili legali | | LMS. |
|---|---|---|---|
| 0. | Total | | 0. |
| 1. | Qatt ma kien/et miżżewweġ/miżżewġa u qatt ma kien/et fi sħubija rreġistrata | | 1. |
| 2. | Miżżewweġ/Miżżewġa | | 2. |
| | 2.1. | Miżżewweġ/miżżewġa ma' persuna tas-sess oppost (mhux obbligatorja) | 2.1. |
| | 2.2. | Miżżewweġ/miżżewġa ma' persuna tal-istess sess (mhux obbligatorja) | 2.2. |
| 3. | Armel/armla (u ma żżewwiġx/żżewġitx mill-ġdid jew qiegħed/qiegħda fi sħubija rreġistrata) | | 3. |
| 4. | Iddivorzjat/iddivorzjata (u ma żżewwiġx/żżewġitx mill-ġdid jew qiegħed/qiegħda fi sħubija rreġistrata) | | 4. |
| 5. | Qiegħed/qiegħda fi sħubija rreġistrata | | 5. |
| | 5.1. | Qiegħed/qiegħda fi sħubija rreġistrata ma' persuna tas-sess oppost (mhux obbligatorja) | 5.1. |
| | 5.2. | Qiegħed/qiegħda fi sħubija rreġistrata ma' persuna tal-istess sess (mhux obbligatorja) | 5.2. |
| 6. | Sħubija rreġistrata spiċċat mal-mewt tas-sieħeb/sieħba (u mhux miżżewweġ/miżżewġa jew qiegħed/qiegħda fi sħubija rreġistrata ġdida) | | 6. |
| 7. | Sħubija rreġistrata li legalment ġiet xolta (u mhux miżżewweġ/miżżewġa jew qiegħed/qiegħda fi sħubija rreġistrata ġdida) | | 7. |
| 8. | Mhux imniżżla | | 8. |

Il-kategorizzazzjoni "Stat ċivili legali" hija maħsuba biex tikkategorizza kwalunkwe total jew total parzjali li jirreferi għal persuni.

Fi Stati Membri fejn il-leġislazzjoni tinkludi dispożizzjonijiet għal koppji miżżewġa li jkunu "separati legalment", persuni "legalment separati" bħal dawn għandhom ikunu kklassifikati taħt "Miżżewweġ/Miżżewġa" (LMS.2.).

**Suġġett: Stat ta' attività fil-preżent**

"Stat ta' attività fil-preżent" hija r-relazzjoni fil-preżent ta' persuna mal-attività ekonomika, ibbażata fuq perjodu ta' riferenza ta' ġimgħa, li jista' kun jew speċifikat, riċenti, fiss, ġimgħa kalendarja, jew l-aħħar ġimgħa kalendarja sħiħa, jew l-aħħar sebat ijiem qabel l-enumerazzjoni.

Il-"popolazzjoni li fil-preżent hija ekonomikament attiva" tinkludi l-persuni kollha li jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-inklużjoni fost l-impjegati jew il-qiegħda.

Persuni "*impjegati*" jinkludu l-persuni kollha li għandhom 15-il sena jew aktar li matul il-ġimgħa ta' riferenza:

(a) għamlu minn tal-inqas siegħa xogħol għal paga jew profitt, fi flus jew f'mod mhux finanzjarju, jew

(b) kienu temporanjament assenti minn xogħol li kienu diġà jaħdmu fih u li miegħu żammew rabta formali, jew minn attività ta' xogħol għal rashom.

Ħaddiema li temporanjament ma kenux ix-xogħol għandhom jiġu kkunsidrati li qegħdin f'impjieg bi ħlas ġaladarba kellhom rabta max-xogħol b'mod formali. Ir-raġunijiet possibbli għal tali assenzi temporanji huma:

(a) mard jew inġurja; jew

(b) btala jew vaganza; jew

(c) strajk jew ġew imsakkra barra; jew

(d) lif għal skopijiet ta' edukazzjoni jew taħriġ; jew

(e) lif tal-maternità jew tal-ġenituri; jew

(f) tnaqqis fl-attività ekonomika; jew

(g) disorganizzazzjoni temporanja jew sospensjoni mix-xogħol minħabba raġunijiet bħal temp ħażin, ħsara mekkanika jew elettrika, jew nuqqas ta' materji primi jew fjuwils; jew

(h) Assenza oħra temporanja b'lif jew mingħajru.

Ir-rabta formali max-xogħol għandha tkun iddeterminata fuq il-bażi ta' kriterji jew aktar li ġejjin:

(a) riċeviment kontinwu ta' paga jew salarju; jew

(b) assigurazzjoni li l-persuna tista' tirritorna għax-xogħol wara t-tmien tal-kontinġenza, jew ftehim rigward id-data tar-ritorn; jew

(c) it-tul taż-żmien tal-assenza mill-impjieg li, fejn relevanti, jista' jkun dak it-tul ta' żmien li għalih il-ħaddiema jistgħu jirċievu benefiċċji ta' kumpens mingħajr obbligi li jaċċettaw xogħlijiet oħra.

